Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/2084(INI)

10.1.2025

EMENDI
1 - 271

Abbozz ta' rapport
Maravillas Abadía Jover
(PE766.649v02-00)

Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: prijoritajiet soċjali u tal-impjiegi għall-2025
(2024/2084(INI))

Emenda 1
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippроklamat u ffirmat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017,

Or. en

Emenda 2
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 121 u 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Or. de

Emenda 3
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-prinċipji fundamentali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipju 11 tiegħu dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal,

Or. de

Emenda 4
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-UE u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħha,

Or. en

Emenda 5
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102) u l-miri ewlenin tagħha għall-2030 proposti dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar,

Or. en

Emenda 6
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-2021 biex sal-2030 jippromwovi l-konverġenza soċjali 'l fuq, u b'mod partikolari l-mira

ewlenija 3 tiegħu,

Or. de

Emenda 7
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ffirmata mill-Parlament, il-Kummissjoni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kunsill fis-16 ta' April 2024,

Or. en

Emenda 8
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060[1a],
	[1a] ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1-51.

Or. en

Emenda 9
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 2f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 13 u 27 tiegħu[2a],
	[2a] ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024.

Or. en

Emenda 10
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020) 620 final),

Or. en

Emenda 11
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta'

Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021) 101 final),

Or. en

Emenda 12
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2i (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2023 bit-titolu "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa" (COM(2023) 32 final),

Or. en

Emenda 13
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2j (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni" (COM(2024) 131 final),

Or. en

Emenda 14
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2024 bit-titolu "Employment and Social Developments in Europe (ESDE): upward social convergence in the EU and the role of social investment" (L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa (ESDE): konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE u r-rwol tal-investiment soċjali),

Or. en

Emenda 15
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2024 bit-titolu "Semestru Ewropew 2025: nagħtu l-ħajja lill-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika" (COM(2024) 705 final),

Or. en

Emenda 16
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Semestru Ewropew 2025 – Pakkett tal-Ħarifa" (COM(2024) 700 final),

Or. en

Emenda 17
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ***tal-XXX*** 2024 għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2024)***XXX***),	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ***tas-17 ta' Diċembru*** 2024 għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2024) ***701 final***),

Or. en

Emenda 18
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ***tal-XXX*** 2024 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2024)***XXX***),	– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ***tas-17 ta' Diċembru*** 2024 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2024) ***704 final***),

Or. en

Emenda 19
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ***tal-XXX*** 2024 bit-titolu	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ***tas-17 ta' Diċembru*** 2024

“Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija 2025”,	bit-titolu “Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija 2025” ***(COM(2024) 702 final)***,

Or. en

Emenda 20
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar ***ir-reviżjonijiet ippjanati għat-Tabella*** ta’ Valutazzjoni tal-Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku ***fil-kuntest tal-proċess ta’ rieżami regolari*** (SWD(2024)***XXX***),	– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar ***il-bidliet fit-tabella*** ta’ valutazzjoni tal-Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku (SWD(2024) ***702 final***),

Or. en

Emenda 21
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni interistituzzjonali ta’ La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iffirmata mill-istituzzjonijiet tal-UE, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili (2024)

Or. en

Emenda 22
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97,

Or. en

Emenda 23
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ewropew Ġdid dwar il-Kompetittività tat-8 ta' Novembru 2024,

Or. en

Emenda 24
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, adottata mill-Kunsill EPSCO fit-2 ta' Diċembru 2024, li tistabbilixxi prijoritajiet soċjali u tal-impjiegi allinjati mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

Or. en

Emenda 25
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar "L-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa" ippubblikat f'Settembru 2024

Or. en

Emenda 26
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[2a],
	[2a] https://wayback.archive-it.org/12710/20240718201828/https://belgian-presidency.consilium.europa.eu/media/bj0adazv/declaration-finale.pdf

Or. en

Emenda 27
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew b'saħħtu u wara li kkunsidra l-Patt dwar id-Djalogu Soċjali li jmiss,

Or. en

Emenda 28
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020,

Or. en

Emenda 29
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2022 dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura (COM(2022) 440 final),

Or. en

Emenda 30
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ippроklamat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni f'Novembru 2017, u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjah adottat fl-2021,

Or. en

Emenda 31
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 dwar is-Semestru Ewropew 2025 – Pakkett tal-Ħarifa (COM(2024)700),

Or. en

Emenda 32
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13i (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2024 għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 (COM(2024)701),

Or. en

Emenda 33
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13j (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 34
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea (ESC), imsemmija fil-preambolu tal-EPSR,

Or. en

Emenda 35
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13l (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta'

kwalità għolja

Or. en

Emenda 36
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13m (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs),

Or. en

Emenda 37
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13n (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,

Or. en

Emenda 38
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13o (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan ta'

azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025

Or. en

Emenda 39
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13p (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030,

Or. en

Emenda 40
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13q (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025,

Or. en

Emenda 41
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13r (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030,

Or. en

Emenda 42
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13s (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97,

Or. en

Emenda 43
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***sar progress biex jinkisbu l-miri*** tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ***l-impatt*** tal-inflazzjoni għolja***, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni,*** li	A. billi***, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata*** tal-impjiegi tal-UE ***laħqet rata ta' 75,3 %; billi jrid jitqiegħed valur fir-redditu ekonomiku tal-investimenti fil-benesseri soċjali li mhux biss itejbu l-istandards tal-għajxien iżda jirriżultaw fi tkabbir ekonomiku u rati ogħla ta' impjieg; billi xi Stati Membri qed jilħqu livelli bla preċedent ta' impjiegi, u qed jesperjenzaw tkabbir fir-rati ta' impjieg*** minkejja l-

jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;

inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ***l-impatti*** tal-inflazzjoni għolja***; madankollu, l-isfidi sinifikanti jibqgħu prominenti fl-UE, inklużi r-rati għoljin ta’ qgħad fiż-żgħażagħ, in-nisa, l-anzjani, il-persuni bi kwalifiki baxxi u medji, il-migranti u l-persuni b’diżabilità, flimkien ma’ kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inugwaljanzi strutturali u lakuni fil-protezzjoni soċjali fis-setturi, ir-reġjuni u l-gruppi soċjali kollha*** li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;

Or. en

Emenda 44
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa’ robust fl-2023***, għalkemm ir-rati*** għoljin ***tal-qgħad***, b’mod partikolari ***r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ***, jippersistu f’xi Stati Membri, ***bħalma jippersistu l-inugwaljanzi*** sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;	A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE***, jiġifieri li mill-inqas 78 % tal-persuni ta’ bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f’impjieg sal-2030,*** minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna***, l-istaġnar ekonomiku,*** u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa’ robust fl-2023 ***u laħaq livell rekord ta’ 75,3 %; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-għan ewlieni u billi f’żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi madankollu r-rati*** għoljin ***ta’ qgħad***, b’mod partikolari ***fost iż-żgħażagħ, il-persuni b’diżabilità, il-ħaddiema akbar fl-età u n-nisa***, jippersistu f’xi Stati Membri, ***kif ukoll id-disparitajiet*** sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini

Ewropej fit-tul;

Or. en

Emenda 45
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, ***għalkemm ir-rati għoljin*** tal-qgħad***, b'mod partikolari r-rati*** tal-qgħad fost iż-żgħażagħ***, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma*** jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;	A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, ***u skont il-Eurostat issa jaqbeż il-75 %; billi r-rata*** tal-qgħad ***fit-tul tal-UE kienet storikament baxxa mill-2009 u kienet 2,1 % fl-2023, u r-rata*** tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ***fl-UE kienet 6,3 %, jiġifieri l-aktar rata baxxa minn meta tkejlet; billi s-swieq tax-xogħol komplew ikunu reżiljenti b'mod notevoli u l-eżiti soċjali wrew xi sinjali ta' titjib, it-tkabbir ekonomiku tal-2024 fl-UE waqa' lura meta mqabbel ma' ekonomiji avvanzati oħra u*** jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;

Or. en

Emenda 46
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi sar progress biex jinkisbu l-	A. billi sar progress biex jinkisbu l-

miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;	miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ***kif ukoll ir-rati ta' qgħad ta' persuni b'diżabilità***, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;

Or. en

Emenda 47
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;	A. billi sar ***xi*** progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja l-inċertezza li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja, u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;

Or. en

Emenda 48
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja ***l-inċertezza*** li nħolqot mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ***u l-impatt tal-inflazzjoni għolja,*** u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;	A. billi sar progress biex jinkisbu l-miri tal-impjiegi tal-UE minkejja ***l-kriżi inflazzjonarja serja*** li nħolqot***, fost fatturi oħrajn,*** mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u billi t-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' robust fl-2023, għalkemm ir-rati għoljin tal-qgħad, b'mod partikolari r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, jippersistu f'xi Stati Membri, bħalma jippersistu l-inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul;

Or. fr

Emenda 49
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-Semestru Ewropew jgħaqqad strumenti differenti f'qafas integrat għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza multilaterali tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi, soċjali u ambjentali fi ħdan l-UE u jrid isir għodda ewlenija għat-trawwim tal-konverġenza soċjali 'l fuq, filwaqt li jiżgura li l-politiki ekonomiċi u fiskali mhux biss jixprunaw it-tkabbir iżda jikkontribwixxu wkoll għal UE soċjali u sostenibbli; billi, bħala parti mill-analiżi integrata tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, ir-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri għandhom jiġu vvalutati u l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jiġi

mmonitorjat, abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali;

Or. en

Emenda 50
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Unjoni Ewropea adottat il-mira li mill-inqas 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-għan ewlieni u billi l-maġġoranza tal-Istati Membri waqgħu lura biex jilħqu dawn il-miri nazzjonali; billi fl-2022, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim kienet ta' 39,5 %, li għadha ferm taħt il-mira tal-UE 2030; billi huma meħtieġa aktar sforzi sostanzjali biex jiġu żgurati l-għoti ta' politiki ta' taħriġ ta' kwalità, kif ukoll l-aċċess għalihom, li jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u jsaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-inklużività tal-forza tax-xogħol tal-UE;

Or. en

Emenda 51
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-Unjoni Ewropea adottat il-mira tal-2030 li tnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni

soċjali b'mill-inqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019, inkluż mill-inqas 5 miljun tifel u tifla; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-għan ewlieni u billi t-tendenza qed tindika fid-direzzjoni opposta għal kważi nofs l-Istati Membri; billi fl-2023, 94,6 miljun persuna fl-UE (21,4 % tal-popolazzjoni)[3a] kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, li huwa biss ftit inqas mil-livell tal-2019; billi mingħajr bidla fl-approċċ biex jiġi indirizzat il-faqar fil-livell Ewropew, mhux se jkun possibbli li titreġġa' lura t-tendenza u jiġi żgurat li kull ċittadin ikollu opportunitajiet indaqs biex jipparteċipa fis-soċjetà;

[3a] People at risk of poverty or social exclusion in 2023 (Persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2023), Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20240612-1#:~:text=In%202023%2C%2094.6%20million%20people,household%20with%20very%20low%20work.

Or. en

Emenda 52
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPRS) irid ikun il-boxxla li jmexxi l-politiki soċjali u ekonomiċi ewlenin tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-Unjoni tieħu rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-progress soċjali; billi l-Kummissjoni Ewropea jeħtiġilha tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-

Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-EPRS bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali;

Or. en

Emenda 53
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi wild minn kull erbgħa għadu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea, u billi t-tendenza attwali mhux se tilħaq il-mira li jitnaqqas l-għadd ta' tfal fil-faqar b'mill-inqas 5 miljuni sal-2030; billi huma osservati disparitajiet sinifikanti fost it-tfal minn sfond etniku jew ta' migrazzjoni u t-tfal b'diżabilità; billi 83 % tat-tfal Rom għexu f'unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar; billi r-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali użati bħalissa bl-ebda mod ma huma biżżejjed biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faqar fost it-tfal fl-UE u, għalhekk, strument ta' finanzjament iddedikat għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal kif ukoll sinerġiji ma' fondi Ewropej u nazzjonali oħra huma ta' importanza kbira kemm fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali kif ukoll f'dak li jmiss;

Or. en

Emenda 54
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali joffri għodda ewlenija għall-valutazzjoni tal-isfidi soċjali u l-konverġenza 'l fuq fi ħdan is-Semestru Ewropew u għall-monitoraġġ tad-disparitajiet soċjali bejn l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 55
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-infiq pubbliku fuq it-tfal u ż-żgħażagħ m'għandux jitqies biss bħala nefqa soċjali iżda bħala investiment fil-futur; billi għat-tfal, l-investimenti soċjali jwasslu għal edukazzjoni u prospetti ta' impjieg aħjar, li min-naħa tagħhom jagħtu spinta lill-indikaturi ekonomiċi; billi t-tfal li jistgħu jibbenefikaw l-aktar mill-attendenza għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), bħal dawk minn sfondi żvantaġġati, għandhom it-tendenza li jipparteċipaw l-inqas u jkomplu jiffaċċjaw ostakli għall-aċċess; billi biex jintlaħqu l-miri ta' Barċellona tal-2030 għall-ECEC, l-UE għandha tinvesti EUR 11-il biljun addizzjonali fis-sena[4a];
	[4a] Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2024, il-Kummissjoni Ewropea, Settembru 2024.

Or. en

Emenda 56
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle

Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) se jikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza soċjali 'l fuq, l-appoġġ għal tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali ġusti, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, u jikkontribwixxi għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Or. en

Emenda 57
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi għad hemm 1,4 miljun persuna residenti f'istituzzjonijiet fl-UE; billi r-residenti tal-istituzzjonijiet huma iżolati mill-komunità usa' u ma għandhomx kontroll suffiċjenti fuq ħajjithom u d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom; billi minkejja l-fatt li l-Unjoni Ewropea ilha impenjata fil-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni, għadhom meħtieġa sforzi kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex il-gruppi vulnerabbli jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti f'ambjent komunitarju;

Or. en

Emenda 58
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi r-rata ta' impjieg indipendenti qed tonqos, inkluż fost iż-żgħażagħ, u l-impjiegi ta' kwalità baxxa fost dawk li jaħdmu għal rashom huma mifruxa b'mod sproporzjonat;

Or. en

Emenda 59
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ ***tal-popolazzjoni***, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond ***is-sostenibbiltà*** tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali ***u għalhekk*** jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE***, u*** billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa ***jiddependi*** fil-biċċa l-kbira ***mill-inklużjoni*** tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;	B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond ***id-daqs tal-forza tax-xogħol, il-produttività tal-UE, is-swieq tax-xogħol b'nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet li jibqgħu f'livelli storikament għoljin, u s-sostenibbiltà konsegwenti*** tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali ***li*** jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE***;*** billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli ***u l-kompetittività*** fl-Ewropa ***jiddependu*** fil-biċċa l-kbira ***fuq l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu, il-prijoritizzazzjoni tat-tagħlim għall-adulti u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-inklużjoni*** tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta ***li tipprovdi servizzi pubbliċi b'saħħithom; billi l-investimenti tal-FSE+ f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma pproġettati li jżidu l-impjiegi lil hinn mill-perjodu ta' investiment, speċjalment għal gruppi b'introjtu aktar baxx[5a]; billi sal-2030, il-***

popolazzjoni li taħdem tal-UE hija mistennija li tonqos b'7 miljun ħaddiem[6a] u billi dan in-numru huwa mistenni li jilħaq 35 miljun persuna addizzjonali sal-2050[7a], li jindika li l-migrazzjoni legali tal-ħaddiema se tkun meħtieġa biex tissupplimenta l-forza tax-xogħol Ewropea;

---

*[5a] **Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2024, il-Kummissjoni Ewropea, Settembru 2024.***

*[6a] **Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2023, il-Kummissjoni Ewropea, Lulju 2023.***

*[7a] **Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa" (COM(2023) 32 final).***

Or. en

Emenda 60
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond ***is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali*** u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi ***fil-biċċa l-kbira mill-inklużjoni*** tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u ***minn*** sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;	B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, ***speċjalment dik taż-żgħażagħ lejn żoni urbani,*** jaffettwaw b'mod profond ***il-vitalità ekonomika u l-attraenza tat-territorji tal-UE*** u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi ***mill-preservazzjoni ta' sistema ta' protezzjoni soċjali b'saħħitha, l-aċċessibbiltà għas-servizzi pubbliċi, l-inklużjoni*** tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;

Or. en

Emenda 61
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-inklużjoni tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;	B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-inklużjoni tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta; ***billi ċerti setturi jeħtieġu awtomatizzazzjoni u robotizzazzjoni aktar mgħaġġla biex jiġi evitat tnaqqis drastiku fil-produttività minħabba n-nuqqas ta' impjegati;***

Or. en

Emenda 62
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE***, u*** billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa	B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE***;*** billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi ***l-ewwel***

l-kbira ***mill-inklużjoni tal-popolazzjoni attiva fis-suq*** tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;	***nett, u*** fil-biċċa l-kbira***, mill-integrazzjoni tal-popolazzjonijiet attivi nazzjonali u mbagħad minn dawk Ewropej, u t-tieni nett, mis-suq*** tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta ***li bl-ebda mod ma tissostitwixxi l-ispeċifiċitajiet nazzjonali***;

Or. fr

Emenda 63
Marlena Maląg, Georgiana Teodorescu, Elena Donazzan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-inklużjoni tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;	B. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jaffettwaw b'mod profond is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u ***jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE, u*** għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-inklużjoni tal-popolazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u minn sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;

Or. en

Emenda 64
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***l-isfidi*** demografiċi, ***inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-***	B. billi ***l-iżviluppi*** demografiċi, ***iż-żieda fil-longevità*** u d-depopolazzjoni

twelid u d-depopolazzjoni rurali***,*** jaffettwaw ***b'mod profond*** is-sostenibbiltà tas-sistemi ***ta' protezzjoni*** soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali ***għall-ekonomija tal-UE***, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa l-kbira ***mill-inklużjoni tal-popolazzjoni attiva*** fis-suq tax-xogħol ***u minn*** sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;

rurali jaffettwaw is-sostenibbiltà tas-sistemi ***tal-protezzjoni soċjali u tas-servizzi*** soċjali u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali ***għall-UE f'termini ta' ekonomija***, u billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa jiddependi fil-biċċa l-kbira ***fuq l-inklużjoni effettiva u ġusta*** fis-suq tax-xogħol ***kif ukoll fuq*** sistema ta' protezzjoni soċjali robusta;

Or. en

Emenda 65
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, il-ħaddiema migranti kienu fattur importanti fit-tnaqqis tan-nuqqas ta' ħaddiema u huma aktar probabbli li jaħdmu f'okkupazzjonijiet b'nuqqasijiet persistenti mill-ħaddiema li twieldu fl-UE;

Or. en

Emenda 66
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. filwaqt li 70 % tal-ħaddiema fl-Ewropa għandhom impjiegi ta' kwalità tajba, 30 % jinsabu f'impjiegi batuti fejn id-domandi huma aktar numeruż minn riżorsi disponibbli biex jiġu bbilanċjati u dan iwassal għal kwalità ġeneralment fqira tal-impjiegi. F'ħafna attivitajiet professjonali li jbatu minn nuqqas

persistenti ta' ħaddiema, is-sehem ta' impjiegi ta' kwalità baxxa huwa ogħla minn 30 %;

Or. en

Emenda 67
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport ta' Letta jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja ***lill-familji*** kollha bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki ***dwar il-familja u l-bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;	C. billi r-rapport ta' Letta jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-importanza li jinħoloq qafas biex ***itejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u*** jappoġġja ***t-tipi*** kollha ***ta' familji u individwi, inklużi ġenituri waħedhom,*** bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki ***ta' bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***li jiżguraw sistemi ta' kura aċċessibbli u professjonali kif ukoll edukazzjoni pubblika ta' kwalità, liv relatat mal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura; billi l-Eurostat jenfasizza ż-żieda fil-popolazzjoni tal-UE minħabba l-migrazzjoni u l-ħtieġa li jiġu ddedikati aktar sforzi għall-integrazzjoni tagħhom***;

Or. en

Emenda 68
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport ta' Letta ***jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-***	C. billi r-rapport ta' Letta ***jenfasizza l-ħtieġa ta' dimensjoni soċjali b'saħħitha***

importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja lill-familji kollha bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar il-familja u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***;	***tas-Suq Uniku tal-UE sabiex jiġu evitati żbilanċi ekonomiċi u soċjali kbar, tiġi promossa l-prosperità, jiġu żgurati opportunitajiet ġusti, drittijiet tal-ħaddiema u protezzjoni soċjali għal kulħadd, filwaqt li jingħata kontribut għat-tkabbir*** inklużiv u ***l-kompetittività f'konformità mal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali; billi r-rapport jinnota li l-moviment liberu tal-persuni għadu l-inqas żviluppat mill-erba' libertajiet u jargumenta favur it-tnaqqis tal-ostakli għall-mobbiltà okkupazzjonali intra-UE***;
	Or. en

Emenda 69
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport ta' Letta ***jiddeplora*** t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, ***u jinnota*** l-importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja ***lill-familji kollha*** bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar ***il-familja u l-bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;	C. billi r-rapport ta' Letta ***jinnota*** t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, ***filwaqt li jenfasizza*** l-importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja ***lil kulħadd fis-soċjetajiet tagħna matul din il-kriżi tal-għoli tal-ħajja bla preċedent*** bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar ***il-bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***għal kulħadd***;
	Or. en

Emenda 70
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

C. billi r-rapport ta' Letta jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja lill-familji kollha bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar il-familja u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;	C. billi r-rapport ta' Letta jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-importanza li jinħoloq qafas ***komprensiv*** biex jappoġġja lill-familji kollha bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar il-familja u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

Or. en

Emenda 71
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport ta' Letta jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja lill-familji kollha bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar il-familja ***u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***;	C. billi r-rapport ta' Letta jiddeplora t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, u jinnota l-importanza li jinħoloq qafas biex jappoġġja lill-familji kollha ***ta' ċittadini Ewropej*** bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi politiki dwar il-familja;

Or. fr

Emenda 72
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mal-ħolqien tal-impjiegi, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew, jista' jkollha suċċess biss jekk it-tfal ikunu jistgħu jiżviluppaw b'mod awtodeterminat u jwettqu l-potenzjal (edukazzjonali) sħiħ

tagħhom sabiex ikunu lesti għas-suq tal-ħiliet futur, filwaqt li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs u l-koeżjoni soċjali, u fl-istess ħin jitnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa u soċjali u jissaħħu l-inklużjoni soċjali u l-benesseri tat-tfal;

Or. de

Emenda 73
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi, għal dan il-għan, it-tfal jeħtieġ li jkollhom aċċess effettiv għas-servizzi bażiċi tal-kura, bħal edukazzjoni u kura tat-tfal bikrija, attivitajiet edukattivi u tal-iskola u, b'mod partikolari, kura tas-saħħa bażika, permezz ta' aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa, inkluż mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa għal kull jum ta' skola biex tinbena r-reżiljenza tagħhom;

Or. de

Emenda 74
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi huwa neċessarju li jissaħħu l-familji b'mod immirat biex jiġi żgurat l-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet futuri;

Or. de

Emenda 75
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi hemm bżonn progress sinifikanti biex jiġi miġġieled il-faqar fost it-tfal u l-familji tagħhom u jsir kontribut lejn il-mira li jitnaqqas l-għadd ta' persuni li jbatu mill-faqar b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030, inkluż mill-inqas 5 miljun tifel u tifla fl-Istati Membri kollha;

Or. de

Emenda 76
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***l-inflazzjoni żiedet il-piż*** fuq l-unitajiet domestiċi, ***u l-kostijiet*** tal-akkomodazzjoni ***u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar***;	D. billi ***r-rati għoljin ta' inflazzjoni żiedu l-għoli tal-ħajja u l-piż*** fuq l-unitajiet domestiċi, ***il-kostijiet tal-akkomodazzjoni, il-faqar enerġetiku u l-esklużjoni soċjali għadhom sfidi kritiċi fl-UE, li jaffettwaw b'mod partikolari lin-nisa, liż-żgħażagħ, lit-tfal, lill-persuni b'diżabilità, lil-LGTBI, lill-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u lir-Rom, b'disparitajiet sinifikanti kemm bejn kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri u l-gruppi tal-popolazzjoni; billi l-akkomodazzjoni qed issir mhux ekonomikament aċċessibbli għal ħafna Ewropej li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn il-kost*** tal-akkomodazzjoni ***jirrappreżenta 40 % tal-introjtu disponibbli totali tagħhom; billi akkomodazzjoni deċenti, ta' kwalità tajba u ekonomikament aċċessibbli, inkluż permezz ta' akkomodazzjoni soċjali, hija kundizzjoni fundamentali għall-iżgurar***

ta' opportunitajiet indaqs u għall-ġlieda kontra l-faqar u/jew l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 77
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi***, u l-kostijiet*** tal-akkomodazzjoni u ***l-faqar*** enerġetiku għadhom problemi kbar;	D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi ***u l-SMEs u aggravat ir-riskji tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; billi l-għoli tal-ħajja, id-disponibbiltà*** tal-akkomodazzjoni u ***l-aċċessibbiltà ekonomika tagħha kif ukoll il-faqar*** enerġetiku ***u tat-trasport*** għadhom problemi kbar; ***billi l-investiment fis-servizzi soċjali u ż-żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll l-allowances għall-akkomodazzjoni, għandhom rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-faqar tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli u fit-titjib tal-aċċessibbiltà ekonomika;***

Or. en

Emenda 78
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku ***għadhom problemi kbar***;	D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku ***żiedu fl-2023 fl-UE għat-tieni sena konsekuttiva, u dan jirrifletti l-impatt tal-kostijiet għoljin tal-enerġija li jirrikjedu miżuri attivi mill-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 79
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, ***u l-kostijiet*** tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar;	D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, ***b'impatt partikolarment negattiv fuq il-ġenituri waħedhom, il-familji kbar, l-anzjani jew il-persuni b'diżabilità, u l-ispejjeż*** tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar;

Or. en

Emenda 80
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-inflazzjoni ***żiedet il-piż*** fuq l-unitajiet domestiċi, u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar;	D. billi l-inflazzjoni ***u n-nuqqas ta' politiki ridistributtivi żiedu l-piż ekonomiku*** fuq l-unitajiet domestiċi, ***speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli;*** u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar ***madwar l-UE***;

Or. en

Emenda 81
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar;	D. billi l-inflazzjoni żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, u l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku għadhom problemi kbar ***meta jiġu assoċjati mal-istandards eċċessivi relatati mal-akkomodazzjoni u l-enerġija***;

Or. fr

Emenda 82
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-pjanijiet strutturali fiskali fuq terminu medju jippreżentaw trajettorji fiskali li jikkonfermaw kompromess emerġenti bejn iż-żieda fl-investiment u livelli adegwati ta' nefqa soċjali; u jippreżentaw konsistenza fqira bejn ir-riformi u l-investimenti u l-investimenti pubbliċi u l-objettivi tal-finanzi pubbliċi;

Or. en

Emenda 83
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi minkejja tnaqqis minimu fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-UE fl-2023, madwar persuna waħda minn kull ħamsa għadha tiffaċċja din l-isfida, b'disparitajiet notevoli għat-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani,

il-persuni b'diżabilità, l-LGTBI, l-individwi li ma twildux fl-UE, u l-komunitajiet Rom;

Or. en

Emenda 84
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju Ewropej jiffaċċjaw sfidi partikolari bħall-fatt li jibqgħu kompetittivi ma' atturi ta' pajjiżi terzi, iżommu l-livelli ta' produzzjoni bi spejjeż tal-enerġija dejjem aktar għoljin u jsibu l-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; billi jeħtieġu appoġġ finanzjarju u tekniku biex jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji li jirriżultaw mill-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjonijiet doppji;

Or. en

Emenda 85
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nuqqas ta' ***ħaddiema u ħiliet għadu*** problema fil-livelli kollha, ***aggravat*** minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi ***f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni***, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;	E. billi n-nuqqas ta' ***attraenza u investiment f'servizzi pubbliċi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u salarji baxxi għadhom*** problema fil-livelli kollha, ***aggravati*** minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi ***f'xi setturi bħax-xjenza u t-teknoloġija***, speċjalment

f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni; ***billi l-kapaċità tal-UE li tindirizza xokkijiet, kriżijiet u polikriżijiet fil-futur filwaqt li tinnaviga t-tranżizzjonijiet demografiċi, diġitali u ekoloġiċi se tiddependi ħafna fuq il-kundizzjonijiet li fihom il-ħaddiema kritiċi se jkunu kapaċi jwettqu xogħolhom; billi l-indirizzar tan-nuqqasijiet u ż-żamma tat-tipi kollha ta' talenti jirrikjedu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, aċċess għal sistemi ta' protezzjoni soċjali, u opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet imfassla għall-ħtiġijiet; u billi l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet huwa kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, it-tkabbir inklużiv u sostenibbli u biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE;***

Or. en

Emenda 86
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ***għadu problema fil-livelli kollha***, aggravat minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa ***u l-kostruzzjoni,*** speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;	E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ***huwa rrappurtat minn kumpaniji ta' kull daqs u settur***, aggravat minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa***, il-kostruzzjoni, l-ospitalità, il-kura, it-trasport, it-teknoloġija xjentifika u l-inġinerija*** speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni; ***billi l-UE nediet diversi inizjattivi biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet bħall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, il-Patt għall-Ħiliet, l-ALMA u l-Akkademji b'Emissjonijiet Żero Netti;***

Or. en

Emenda 87

Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu problema fil-livelli kollha, ***aggravat minn nuqqas*** ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;	E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ***minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, salarji mhux attraenti, nuqqas ta' taħriġ, ostakli għall-aċċess għall-edukazzjoni medja u għolja u nuqqas ta' rikonoxximent tal-ħiliet u l-edukazzjoni*** għadu problema fil-livelli kollha, ***u dan jirriżulta f'nuqqas*** ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;

Or. en

Emenda 88
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu problema fil-livelli kollha, ***aggravat minn nuqqas*** ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ***ewlenin*** bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;	E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu problema fil-livelli kollha, ***iżda l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ baqgħet ferm taħt il-mira tal-UE, u dan irriżulta f'nuqqas*** ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ***speċjalment fejn huwa diffiċli li jiġi sostitwit ix-xogħol li jrid isir fuq il-post,*** bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;

Or. en

Emenda 89

Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu problema fil-livelli kollha, aggravat minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa ***u l-kostruzzjoni***, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;	E. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu problema fil-livelli kollha, aggravat minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa***, il-kura kif ukoll is-settur tal-kostruzzjoni***, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;

Or. en

Emenda 90
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nuqqas ta' ***ħaddiema u ħiliet għadu problema fil-livelli kollha, aggravat minn nuqqas ta' kandidati biex jimlew pożizzjonijiet*** kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;	E. billi n-nuqqas ta' ***remunerazzjoni adegwata u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet f'pożizzjonijiet*** kritiċi f'setturi ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni affettwati mid-depopolazzjoni;

Or. en

Emenda 91
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ea. billi l-promozzjoni tal-mobbiltà fl-UE u l-kunsiderazzjoni li jiġu attirati ħaddiema b'ħiliet nazzjonali ta' pajjiżi terzi, barra minn hekk, jiżguraw ir-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali u jidderieġu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fl-UE permezz ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali lejn okkupazzjonijiet li jesperjenzaw nuqqasijiet, appoġġjati minn politika ta' integrazzjoni effettiva, f'komplementarjetà sħiħa biex jiġu sfruttati t-talenti minn ġewwa l-Unjoni;

Or. en

Emenda 92
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-ħaddiema tas-sengħa, u l-aċċess għal edukazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità kif ukoll tagħlim tul il-ħajja huma kruċjali biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet doppji sostenibbli u ġusti tal-ekonomija Ewropea; billi l-programmi ta' titjib tal-ħiliet, ta' taħriġ mill-ġdid u ta' taħriġ iridu jkunu disponibbli għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk b'diżabilità, u għandhom ikunu adattati wkoll għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 93
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi fl-2022, il-punteġġ medju tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) għall-miżuri tal-ħiliet bażiċi (il-qari, il-matematika u x-xjenza) ta' dawk li għandhom 15-il sena naqas b'10 punti meta mqabbel mal-aħħar mewġa fl-2018; billi n-nuqqas ta' progress huwa prevalenti fost l-istudenti żvantaġġati, u dan juri twessigħ tal-inugwaljanzi edukattivi; billi dan id-deterjorament inkwetanti jitlob riformi u investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

Or. en

Emenda 94
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi d-differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadhom konsiderevoli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE u billi r-responsabbiltajiet tal-kura huma fattur importanti li jkompli jillimita l-linnisa f'impjieg part-time jew iwassal għall-esklużjoni tagħhom mis-suq tax-xogħol, li jirriżulta f'differenza usa' bejn il-ġeneri fl-impjiegi;

Or. en

Emenda 95
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jridu jkunu soċjalment ġusti u inklużivi għal kulħadd, jinvolvu t-teħid tal-opportunità li jinħolqu impjiegi ta' kwalità, jindirizzaw id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema u jgħollu l-istandards tax-xogħol; billi huwa essenzjali li jiġu promossi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tajba, protezzjoni soċjali robusta, u investimenti mmirati f'ħiliet li jaqblu ma' opportunitajiet ta' xogħol emerġenti fis-setturi ekoloġiċi u diġitali flimkien ma' allowances għall-edukazzjoni għall-adulti biex jiġi żgurat aċċess għal titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' kwalità għal kulħadd;

Or. en

Emenda 96
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) jenfasizza d-dritt għall-iskonnessjoni b'mod partikolari fil-kuntest tat-telexogħol, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol kritiku ta' dan id-dritt fl-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'kuntest ta' żieda fid-diġitalizzazzjoni u x-xogħol mill-bogħod;

Or. en

Emenda 97
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi l-isfidi għal diversi setturi bħall-manifattura tal-karozzi u l-industriji intensivi fl-enerġija saru evidenti fl-2024, u saru avviżi ta' ristrutturar fuq skala kbira mill-kumpaniji;

Or. en

Emenda 98
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ef (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ef. billi bħalissa ma hemm l-ebda ġbir regolari ta' data fl-UE kollha dwar l-investiment u l-kopertura tas-servizzi soċjali. Il-ġbir ta' tali data huwa kruċjali għal analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-politiki soċjali nazzjonali fl-analiżi tas-Semestru tal-UE. Dan għandu jiġi indirizzat permezz ta' kriterji maqbula b'mod konġunt u standards għall-ġbir tad-data għall-investiment u l-kopertura tas-servizzi soċjali fl-Istati Membri tal-UE. L-indiċi tas-Servizzi Soċjali tan-Network Soċjali Ewropew huwa eżempju ta' kif tali ġbir ta' data jista' jikkontribwixxi għall-Analiżi tas-Semestru tal-UE;

Or. en

Emenda 99
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eg. billi hemm disparitajiet fil-kopertura tas-servizzi soċjali, inklużi l-kura fit-tul, il-protezzjoni tat-tfal, l-appoġġ għall-vjolenza domestika, u l-għajnuna għall-persuni mingħajr dar, li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tas-Semestru tal-UE;

Or. en

Emenda 100
Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u*** l-aċċess ***fqir għas-servizzi pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni*** soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal u lill-anzjani;	F. billi ***l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali, kif ukoll*** l-aċċess ***limitat għall-finanzjament u s-servizzi pubbliċi żiedu r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni*** soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal***, lill-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, liż-żgħażagħ*** u lill-anzjani ***u lil gruppi vulnerabbli oħra bħall-migranti, ir-Rom, il-persuni li jgħixu f'żoni depopolati u l-persuni b'diżabilità***;

Or. en

Emenda 101
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess fqir għas-servizzi pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod***	F. billi ***n-nuqqas ta' investiment soċjali suffiċjenti aggrava r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jaffettwa b'mod partikolari lit-tfal, lill-familji***

partikolari lit-tfal u lill-anzjani;	***b'ġenitur wieħed u lill-anzjani; billi dan il-fenomenu qed jaffettwa wkoll segment tal-forza tax-xogħol, b'1 minn kull 12-il ħaddiem fl-2023 jgħixu f'unitajiet domestiċi li huma f'riskju ta' faqar; billi Strateġija ambizzjuża tal-UE Kontra l-Faqar se tkun essenzjali biex titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu pprovduti reazzjonijiet għall-fenomenu multidimensjonali tal-faqar***;

Or. en

Emenda 102
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess fqir għas-servizzi pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal ***u lill-anzjani***;	F. billi l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess fqir għas-servizzi pubbliċi***, minħabba nuqqas ta' ppjanar fit-tul u sostenibbli fl-oqsma tal-akkomodazzjoni, l-infrastruttura u l-iżvilupp tal-komunità,*** wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal***, lill-anzjani u lill-persuni minn sfondi marġinalizzati***;

Or. en

Emenda 103
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess fqir għas-servizzi pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal u lill-anzjani;	F. billi l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess fqir għas-servizzi pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal u lill-anzjani***, l-unitajiet***

domestiċi b'ġenitur wieħed u l-familji kbar kif ukoll il-persuni b'diżabilità;

Or. en

Emenda 104
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***l-kriżi fit-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess fqir għas-servizzi*** pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal ***u lill-anzjani***;	F. billi ***l-bidliet demografiċi, l-aċċess fqir u n-nuqqas ta' investiment fis-servizzi*** pubbliċi wasslu għal riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal***, lill-anzjani u lill-gruppi vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 105
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Ewrobarometru ta' April 2024 jenfasizza li 88 % taċ-ċittadini Ewropej iqisu li l-Ewropa soċjali hija importanti għalihom personalment[8a]; billi dan ir-riżultat ġie kkonfermat mill-Istħarriġ Postelettorali tal-UE tal-2024 meta ċ-ċittadini Ewropej poġġew iż-żieda fil-prezzijiet u l-għoli tal-ħajja (42 %) u s-sitwazzjoni ekonomika (41 %) bħala s-suġġetti ewlenin li mmotivawhom biex jivvutaw fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej[9a];

8a ***https://europa.eu/eurobarometer/surveys/***

detail/3187.

9a

https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3292.

Or. en

Emenda 106
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi ***l-progress*** soċjali fl-UE ***jrid javvanza b'mod konsistenti mal-objettivi ta' stabbiltà tal-kriterji ta' Maastricht, u jiżgura li l-integrazzjoni ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi*** bejn il-ġenerazzjonijiet u ***r-reġjuni***;	G. billi ***skont l-Artikolu 3 tat-TUE, il-progress*** soċjali fl-UE ***huwa wieħed mill-għanijiet ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, flimkien ma' livell massimu ta' impjieg, livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent; billi l-Artikolu 3 jiddikjara wkoll li l-UE għandha tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u għandha tippromwovi l-ġustizzja s-soċjali u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà*** bejn il-ġenerazzjonijiet u ***l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal***;

Or. en

Emenda 107
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-progress soċjali fl-UE jrid ***javvanza b'mod konsistenti mal-objettivi ta' stabbiltà tal-kriterji ta' Maastricht, u*** jiżgura li l-integrazzjoni ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi bejn il-	G. billi l-progress soċjali fl-UE jrid jiżgura li l-integrazzjoni ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;

ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;

Or. en

Emenda 108
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-progress soċjali fl-UE ***jrid javvanza b'mod konsistenti mal-objettivi ta' stabbiltà tal-kriterji ta' Maastricht, u jiżgura li l-integrazzjoni*** ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;	G. billi l-progress soċjali fl-UE ***jirrappreżenta l-aktar investiment konkret u effiċjenti fir-reżiljenza u s-sostenibbiltà fit-tul tas-soċjetajiet tagħna; l-iżgurar li aktar integrazzjoni*** ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi ***soċjali*** bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;

Or. en

Emenda 109
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-progress soċjali fl-UE ***jrid javvanza b'mod konsistenti mal-objettivi*** ta' stabbiltà tal-kriterji ta' Maastricht, u jiżgura li l-integrazzjoni ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;	G. billi l-progress soċjali fl-UE ***ma jridx ikun kompromess mill-objettivi*** ta' stabbiltà tal-kriterji ta' Maastricht, u jiżgura li l-integrazzjoni ekonomika ma taggravax l-inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;

Or. en

Emenda 110
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika tal-UE daħal fis-seħħ f'April 2024 u għandu l-għan li jippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv kif ukoll li jagħti aktar spazju għall-investiment soċjali u t-twettiq tal-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi r-reviżjoni tinkludi għall-ewwel darba qafas ta' konverġenza soċjali bħala parti integrata tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 111
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi s-sħab soċjali Ewropej, matul id-Djalogu Makroekonomiku, iddenunzjaw l-aħħar involviment tas-sħab soċjali fl-abbozzar tal-pjanijiet strutturali fiskali fuq terminu medju u l-KETU, l-SMEUnited u s-SIEurope ffirmaw dikjarazzjoni konġunta għal involviment materjali u reali tas-sħab soċjali fil-governanza ekonomika u s-Semestru tal-UE;

Or. en

Emenda 112
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi r-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jibqa' akbar għan-nisa, għall-adulti żgħażagħ, għall-persuni b'livell edukattiv baxx u għall-persuni qiegħda; billi għad hemm ħafna lakuni fl-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad, b'66 % tal-persuni qiegħda jirrapportaw li ma jirċevux benefiċċji jew assistenza;[1a]
	[1a] Social protection 2.0: Unemployment and minimum income benefits

Or. en

Emenda 113
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi r-riformi strutturali jridu jipprijoritizzaw lill-progress soċjali, filwaqt li jiżguraw aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata, akkomodazzjoni ekonomikament aċċessibbli u deċenti, u servizzi essenzjali għat-tipi kollha ta' familji, inklużi gruppi vulnerabbli bħal unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed u persuni b'diżabilità;

Or. en

Emenda 114
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ga. billi għandna nagħmlu l-Unjoni aktar kompetittiva, produttiva, innovattiva u sostenibbli, filwaqt li tibni fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u tiżgura konverġenza u kundizzjonijiet ekwi kemm fl-Unjoni kif ukoll globalment;

Or. en

Emenda 115
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi skont l-OECD, bħala medja fil-pajjiżi tal-OECD, l-okkupazzjonijiet bl-ogħla riskju ta' awtomatizzazzjoni jammontaw għal madwar 28 % tal-impjiegi;[2a] billi d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma kruċjali f'kuntest bħal dan biex jiżguraw approċċ parteċipatorju għall-ġestjoni tal-bidla minħabba żviluppi teknoloġiċi, li jindirizzaw tħassib potenzjali, filwaqt li jrawmu l-adattament tal-ħaddiema (inkluż permezz tal-provvista ta' ħiliet); billi d-diġitalizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali jridu jkunu ta' benefiċċju għall-ħaddiema u għas-soċjetà billi jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-ħajja, jiżguraw bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, joħolqu opportunitajiet ta' impjieg aħjar, u jikkontribwixxu għall-konverġenza soċjoekonomika; billi l-ħaddiema u t-trade unions tagħhom se jkollhom rwol kruċjali biex jantiċipaw u jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw minn dawk l-isfidi;
	[2a] OECD Social, Employment and Migration Working Papers Nru 282

Or. en

Emenda 116
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi skont il-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika tal-UE, l-Istati Membri kollha għandhom jinkludu riformi u investimenti fil-pjanijiet ta' terminu medju tagħhom li jindirizzaw il-prijoritajiet u l-isfidi komuni tal-UE identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew; billi l-prijoritajiet komuni tal-UE jinkludu r-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 117
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-politiki tal-UE bħal NextGenerationEU u SURE żguraw it-tkabbir u r-reżiljenza ekonomika, u naqqsu l-inugwaljanzi;

Or. en

Emenda 118
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi jeħtiġilna naħdmu f'unità u b'solidarjetà għall-benefiċċju taċ-ċittadini, in-negozji u l-Istati Membri kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 119
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi fl-2021 kien hemm aktar minn 3 300 aċċident fatali u 3 miljun aċċident mhux fatali fis-27 Stat Membru tal-UE; billi aktar minn 200 000 ħaddiem imutu kull sena minn mard relatat max-xogħol; billi din id-data ma tinkludix l-aċċidenti kollha kkawżati minn xogħol mhux iddikjarat, li jagħmilha plawżibbli li wieħed jassumi li ċ-ċifri reali jaqbżu wisq aktar l-istatistika uffiċjali; billi fl-2017, skont il-Eurofound, 20 % tal-impjiegi fl-Ewropa kienu ta' "kwalità ħażina" u poġġew is-saħħa fiżika jew mentali tal-ħaddiema f'riskju akbar; billi 14 % tal-ħaddiema ġew esposti għal livell għoli ta' riskji psikosoċjali; billi 23 % tal-ħaddiema Ewropej jemmnu li s-sikurezza jew is-saħħa tagħhom hija f'riskju minħabba xogħolhom;

Or. en

Emenda 120
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi l-investiment pubbliku huwa mistenni li jiżdied fl-2025 fi kważi l-Istati Membri kollha, b'kontribuzzjoni sinifikanti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RFF) tan-NextGenerationEU u mill-fondi tal-UE f'diversi Stati Membri; billi madwar 162,5 biljun allokati lill-Istati Membri taħt l-RFF jikkontribwixxu għall-infiq soċjali, li jammonta għal madwar 25 % tan-nefqa totali stmata[10a]; billi l-investimenti soċjali u r-riformi f'oqsma ewlenin jistgħu jagħtu spinta lill-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku[11a];
	[10a] 2025 European Semester: Proposal for a Joint Employment Report.
	[11a] Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2024, il-Kummissjoni Ewropea, Settembru 2024.

Or. en

Emenda 121
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma essenzjali għall-kompetittività, il-produttività tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali tal-UE;

Or. en

Emenda 122

Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi għandna nfittxu li niksbu l-objettiv doppju tas-sovranità strateġika tal-enerġija u n-newtralità klimatika sal-2050;

Or. en

Emenda 123
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gd. billi s-sħab soċjali huma essenzjali għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu tkabbir sostenibbli u inklużiv, xogħol deċenti u ta' kwalità, u tranżizzjonijiet ġusti u jridu jkunu involuti fil-livelli kollha ta' governanza f'konformità mat-TFUE;

Or. en

Emenda 124
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ge (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ge. billi l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati mingħajr dewmien u jħejju pjanijiet ta' azzjoni biex iżidu l-kopertura tan-negozjar kollettiv f'konformità mad-Direttiva, meta

applikabbli;

Or. en

Emenda 125
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gf. billi, ir-riċerka tal-Eurofound turi li, wara deċennji sħaħ ta' tnaqqis fir-rati ta' suwiċidju, dawn r-reġgħu bdew jiżdiedu mill-2021, u jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-problemi tas-saħħa mentali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien (b'mod importanti l-inklużjoni soċjali), u l-aċċess għall-appoġġ għal persuni bi sfidi ta' saħħa mentali għadu problema;

Or. en

Emenda 126
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ikomplu*** jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021;	1. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu*** jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***(EPSR)***, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021 ***u d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-2030; jilqa' f'dan ir-rigward it-tħabbira ta' Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-EPSR[12a] għall-2025 sabiex jingħata impetu ġdid lill-progress soċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Pjan ta' Azzjoni aġġornat ikun fih proposti ambizzjuż biex jiġu indirizzati l-faqar u l-***

esklużjoni soċjali u miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema biex jimmaniġġjaw it-tranżizzjonijiet doppji b'mod partikolari fir-rigward tal-ħiliet, il-VET u t-tagħlim tul il-ħajja;

[12a] ***L-Għażla tal-Ewropa - Linji Gwida għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029, Ursula von der Leyen (Lulju 2024)***

Or. en

Emenda 127
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***ikomplu jimplimentaw il-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021;	1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***jaċċelleraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021; ***jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Pjan aġġornat għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-perjodu 2025-2029, li jiżgura l-integrazzjoni ta' prijoritajiet ġodda; jisħaq fuq l-importanza li jintużaw it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali biex jiġu identifikati r-riskji u jiġi segwit il-progress fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi, fit-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin;***

Or. en

Emenda 128
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ikomplu jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021;	1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ikomplu jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021; ***jappella għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali, filwaqt li jiġu rispettati l-opportunitajiet indaqs u jitnaqqsu l-inugwaljanzi f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 129
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ikomplu jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021***;	1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ikomplu jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***bl-aktar konformità stretta possibbli mal-liġi nazzjonali u b'mod li jkun komplementari u mhux furzat***;

Or. fr

Emenda 130
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***ikomplu jimplimentaw il-***	1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***isaħħu l-isforzi tagħhom fl-***

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***f'konformità mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021***;	***implimentazzjoni tal-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***fid-dawl tar-reviżjoni li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni fl-2025***;

Or. en

Emenda 131
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-objettivi ta' Ewropa soċjali huma ripetutament identifikati miċ-ċittadini Ewropej bħala prijoritajiet; jenfasizza li sabiex l-Ewropa soċjali ssir realtà, u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni soċjali fit-tranżizzjonijiet, huwa meħtieġ li tiġi żgurata Ewropa sostenibbli, ġusta u inklużiva fejn id-drittijiet soċjali jkunu protetti u salvagwardjati bis-sħiħ fl-istess livell bħal-libertajiet ekonomiċi, u li ssir riflessjoni dwar il-metodi għas-salvagwardja tal-kuntratt soċjali Ewropew; itenni, f'dan ir-rigward, it-talba tiegħu biex mat-Trattati jiġi anness protokoll dwar il-progress soċjali[13a];
	[13a] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar proposti tal-Parlament Ewropew għall-emendar tat-Trattati (2022/2051 (INL)).

Or. en

Emenda 132
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jappella għall-implimentazzjoni tal-konverġenza 'l fuq permezz ta' miżuri immedjati biex jiġu żgurati l-kura pubblika ta' kwalità għolja, l-edukazzjoni u l-ħiliet għall-ġenerazzjoni li jmiss, u b'mod partikolari permezz ta' aktar investiment f'aċċess effettiv għan-nutrizzjoni tajba għas-saħħa fil-forma tal-provvista ta' mill-inqas ikla waħda sħuna bla ħlas kuljum għal kull tifel u tifla fl-UE fil-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u fl-iskejjel kollha;

Or. de

Emenda 133
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-JER 2026 tanalizza l-implimentazzjoni tal-prinċipji kollha tal-EPSR f'konformità mar-Regolament 2024/1263 u tintegra fil-JER l-analiżi tad-dimensjoni soċjali tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju relatati mar-reżiljenza soċjali, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 134
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1b. Jinsab imħasseb li, fl-2023, 94,6 miljun persuna fl-UE kienu għadhom f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; jenfasizza li mingħajr bidla fundamentali fl-approċċ għall-ġlieda kontra l-faqar, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mhux se jilħqu l-objettivi tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar; jemmen li t-tħabbira tal-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar hija pass fid-direzzjoni t-tajba lejn it-treġġigħ lura tax-xejra, iżda trid tipprovdi approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-aspetti multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali b'azzjonijiet konkreti, implimentazzjoni u monitoraġġ b'saħħithom; jitlob li din l-Istrateġija tinkludi l-persuni kollha li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-ewwel u qabel kollox dawk l-aktar żvantaġġati, iżda wkoll miżuri speċifiċi għal gruppi differenti bħal persuni li jesperjenzaw faqar fost dawk li jaħdmu, persuni mingħajr dar, persuni b'diżabilità, familji b'ġenitur wieħed u fuq kollox tfal sabiex jinkiser b'mod sostenibbli ċ-ċiklu tal-faqar; jisħaq li t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati se tkun kruċjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-riskji tal-faqar fost il-ħaddiema, filwaqt li ssaħħaħ l-inċentivi għax-xogħol u jilqa' l-fatt li diversi Stati Membri emendaw jew qed jippjanaw li jemendaw l-oqfsa tal-paga minima tagħhom; jenfasizza li direttiva qafas tal-UE dwar introjtu minimu adegwat u inklużjoni attiva, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tikkontribwixxi għall-għanijiet tat-tnaqqis tal-faqar u t-trawwim tal-integrazzjoni ta' persuni assenti mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 135
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' data u analiżi tal-inugwaljanza fil-ġid u l-konċentrazzjoni tal-ġid fl-UE peress li dan huwa wieħed mid-determinanti ewlenin tal-faqar; jirrimarka li skont il-Kontijiet ta' Ġid Distribuzzjonali (DWA), sett ta' data żviluppat mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), is-sehem ta' ġid miżmum mill-ewwel 10 % kien ta' 56 % fir-raba' kwart tal-2023, filwaqt li n-nofs t'isfel kellu biss 5 %; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatt soċjoekonomiku tal-inugwaljanzi fil-ġid u jipproponu b'mod urġenti miżuri li jiżguraw distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid u r-riżorsi sabiex jippermettu progress lejn it-tnaqqis tal-faqar bi 15-il miljun fl-2030 kif ukoll it-twessigħ tal-klassi medja;

Or. en

Emenda 136
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex timmonitorja bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; itenni t-talba tiegħu għal żieda fil-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun u biex l-Istati Membri kollha jallokaw mill-inqas 5 % tal-fondi tal-FSE+ tagħhom għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u għall-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal; iqis li r-

rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jirriflettu l-konformità baġitarja tal-Istati Membri mar-rekwiżit minimu ta' allokazzjoni għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal stabbilit fir-regolament FSE+[14a]; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi baġit ambizzjuż għall-Garanzija għat-Tfal fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss sabiex twieġeb għall-isfida li qed tikber tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali tat-tfal;

[14a] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus, l-Artikolu 7(3).

Or. en

Emenda 137
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jilqa' l-inklużjoni tal-analiżi dwar il-kontribut pożittiv tal-SDGs u l-istrateġiji Ewropej dwar l-ugwaljanza fil-JER 2025 u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-JER 2026 jinkludi kemm taqsima li tanalizza l-progress lejn l-SDGs relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali, kif ukoll oħra dwar il-progress lejn l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni soċjali u tax-xogħol f'konformità mal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020-2025, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, u l-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030;

Or. en

Emenda 138
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. Jinsab imħasseb dwar l-għeluq rikorrenti ta' fabbriki f'setturi differenti fl-Unjoni Ewropea u l-impatt fuq il-ħaddiema li qed jiffaċċjaw telf ta' impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politiki dwar il-kisba tal-ħiliet u t-taħriġ għall-ħaddiema u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità jiġu integrati fil-Patt għal Industrija Nadifa li jmiss f'konformità mar-rapport Draghi; ifakkar fir-rwol importanti li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema ssensjati (FEG) jista' jkollu fl-appoġġ u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar relatati pereżempju mal-globalizzazzjoni, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Fond u jxerrdu b'mod wiesa' l-informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' appoġġ għall-ħaddiema;

Or. en

Emenda 139
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1d. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw il-linji gwida aġġornati dwar l-impjiegi, b'enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd, it-teknoloġiji l-ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali kif ukoll fuq l-inizjattivi ta' politika reċenti dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi, l-akkomodazzjoni affordabbli u deċenti u l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet; bl-għan li jissaħħaħ it-tehid demokratiku tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 140
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1e. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir investiment sinifikanti fil-ħiliet tal-ħaddiema u li jiġi stabbilit dritt individwali għat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali, inklużi l-korpi edukattivi u ta' taħriġ u s-sħab soċjali, sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol u jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 141
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1f. Jilqa' t-tħabbira ta' pjan direzzjonali għal impjiegi ta' kwalità biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal kulħadd, permezz ta' appoġġ għal pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, taħriġ u tranżizzjonijiet ġusti tal-impjiegi għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari billi tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa dan il-pjan direzzjonali f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tinkludi f'dan il-pjan direzzjonali kunsiderazzjonijiet rigward miżuri, inklużi proposti leġiżlattivi, marbuta mal-użu tal-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fid-dinja tax-xogħol ħalli jiġu sfruttati teknoloġiji ġodda biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-produttività filwaqt li jiġu rrispettati l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u d-drittijiet tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 142
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1g. Jilqa' l-fatt li kważi l-Istati Membri kollha mistennija jżidu l-investiment pubbliku fl-2025[15a], u dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità u jintlaħqu l-għanijiet tal-EPSR; ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tista' tiġi mmobilizzata mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2026 u jistedinhom jagħmlu użu sħiħ u mmirat minn dawn il-fondi sabiex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fl-ambitu tas-Semestru Ewropew u jistabbilixxu politiki għal tkabbir

intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, kif previst fir-Regolament dwar l-RRF[16a];

[15a] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Semestru Ewropew 2025: nagħtu l-ħajja lill-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika" (COM(2024) 705 final).

[16a] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Artikolu 3, il-pilastri (c) u (f).

Or. en

Emenda 143
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1h. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' Boxxla għall-Kompetittività f'Jannar 2025; jemmen li l-objettiv tal-kompetittività tal-Unjoni Ewropea ma jistax jintlaħaq mingħajr ħaddiema Ewropej mgħammra b'ħiliet adegwati; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi f'din il-Boxxla għall-Kompetittività miżuri li jikkonċernaw l-iżvilupp tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol Ewropea;

Or. en

Emenda 144
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2. Itenni l-importanza li ***jiġi appoġġjat l-iżvilupp*** tal-ħiliet ***fil-forza*** tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu ***t-taħriġ*** vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol***, b'kunsiderazzjoni għall-fatt*** li, għalkemm ***sar*** titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;	2. Itenni l-importanza li ***jingħata appoġġ għall-iżvilupp*** tal-ħiliet ***u t-taħriġ ta' kwalità għolja u relatat mal-okkupazzjoni pprovdut matul il-ħinijiet*** tax-xogħol ***u ffinanzjat mill-impjegatur*** biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità***, inklużivi u ekwi***; iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jsaħħu ***d-dritt*** vokazzjonali u diġitali ***ta' kwalità għolja u inklużiv għat-taħriġ għal kulħadd*** filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà ***u tal-ħaddiema żgħażagħ u akbar fl-età*** fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs ***fil-marka tax-xogħol; dan irid jinkludi l-iżgurar ta' aċċess għal traineeships u apprendistati mħallsa, ta' kwalità u inklużivi għaż-żgħażagħ, li jippermettulhom jiksbu l-ewwel esperjenzi sinifikanti ta' xogħol u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieg u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol li jippermettu li forza tax-xogħol li qed tixjieħ tibqa' b'saħħitha u volontarja*** fis-suq tax-xogħol***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-opportunitajiet tal-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja, meta jitqies*** li, għalkemm ***hemm*** titjib, il-persuni ***b'diżabbiltà, speċjalment in-nisa*** b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;
	Or. en

Emenda 145
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati	2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati

Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni ***tal-persuni*** b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol***, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib***, il-persuni b'diżabbiltà ***għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti*** fis-suq tax-xogħol;	Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni ***ta' persuni minn gruppi żvantaġġati, bħall-persuni*** b'diżabbiltà***,*** fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol***; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' taħriġ u ta' titjib u tġdid tal-ħiliet, kif ukoll politiki attivi tas-suq tax-xogħol, immirati lejn il-forza tax-xogħol inattiva u l-gruppi b'parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol, inklużi n-nisa***, il-persuni b'diżabbiltà***, il-persuni b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, iż-żgħażagħ u n-NEETs, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni jew minoranza etnika bħar-Rom; jenfasizza li l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u sterjotipi hija kruċjali biex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' dawn il-gruppi*** fis-suq tax-xogħol;
	Or. en

Emenda 146
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza li ***jiġi appoġġjat l-iżvilupp*** tal-ħiliet ***fil-forza*** tax-xogħol biex ***tittejjeb il-kompetittività*** u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni ***tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza*** tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, ***b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni*** b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ***ostakli sinifikanti*** fis-suq tax-	2. Itenni l-importanza li ***jingħata appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet, it-tiġdid u t-titjib*** tal-ħiliet ***tal-forza*** tax-xogħol biex ***jittejbu l-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tal-Industrija Ewropea u tal-intrapriżi żgħar u medji*** u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità ***għall-ħaddiema, speċjalment dawk f'setturi fi tranżizzjoni***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni ***fil-forza tax-xogħol tal-gruppi kollha li bħalissa qed jitħabtu biex jaċċessaw is-suq*** tax-xogħol***, inklużi l-persuni b'diżabbiltà,*** biex

xogħol;	jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, ***meta jitqiesu l-ostakli sinifikanti li l-persuni*** b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 147
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;	2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità ***filwaqt li jiġu rrispettati l-aspirazzjonijiet individwali tal-ħaddiema***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà ***kif ukoll tal-persuni b'mard kroniku*** fil-forza tax-xogħol ***u r-riintegrazzjoni tal-ħaddiema wara assenzi aktar fit-tul*** biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 148
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat	2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat

l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;	l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà ***u tal-persuni minn sfondi żvantaġġati jew emarġinati*** fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 149
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ***li jiġi appoġġjat l-iżvilupp*** tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;	2. Itenni l-importanza ***tal-prinċipju tal-kondiviżjoni tal-kostijiet tal-atturi statali u privati għall-iżvilupp*** tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 150
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol*** biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;	2. ***Jitlob li jiġi sfruttat it-talent tal-Ewropa u li jsir investiment fil-ħiliet ħalli jitrawmu impjiegi ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni*** biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw ***l-opportunitajiet*** indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 151
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;	2. Itenni l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol ***Ewropea*** biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-taħriġ vokazzjonali u diġitali filwaqt li jippromwovu l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-forza tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jappoġġjaw opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, għalkemm sar titjib, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol;

Or. fr

Emenda 152
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Ifakkar fid-differenza persistenti fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, b' 51,3 % biss tal-persuni attivi u fl-età tax-xogħol b'diżabbiltà fl-UE għandhom impjieg bi ħlas; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabbiltà b'azzjonijiet u inizjattivi ewlenin ġodda mill-2025 'il quddiem; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tressaq proposti biex tiżgura l-konformità tal-UE u tal-Istati Membri mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD) u b'mod partikolari tindirizza l-inklużjoni soċjali u l-għajxien indipendenti tal-persuni b'diżabbiltà u l-ostakli li fadal għall-moviment liberu tagħhom u tiżgura l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni, taħriġ u impjieg ta' kwalità permezz ta' gwida dwar iż-żamma tal-benefiċċji kontra d-diżabbiltà u l-istabbiliment ta' Garanzija Ewropea għall-Impjiegi u l-Ħiliet ta' Persuni b'Diżabbiltà;

Or. en

Emenda 153
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda ta' kuntratti mhux standard fejn il-ħaddiema jiffaċċjaw il-faqar fost dawk li jaħdmu u

jsibu ruħhom mingħajr protezzjonijiet legali adegwati; ifakkar li tali tnaqqis fl-istandards tal-impjiegi mhux biss għandu impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-individwi iżda jimmina wkoll in-nisġa soċjali usa', peress li għadd dejjem akbar ta' ħaddiema jiffaċċjaw sfidi fl-aċċess għal benefiċċji essenzjali bħall-kura tas-saħħa, il-pjanijiet tal-pensjoni u t-taħriġ relatat max-xogħol;

Or. en

Emenda 154
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni lill-aspetti soċjali u ambjentali tal-kompetittività, filwaqt li tiġi enfasizzata l-ħtieġa tal-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd biex jiġi żgurat aċċess universali għal programmi ta' taħriġ professjonali u edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja, kif ukoll prattiki sostenibbli biex jitrawwem it-tkabbir inklużiv, u jissottolinja li s-sħab soċjali għandu jkollhom rwol ewlieni fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-ħiliet madwar l-UE;

Or. en

Emenda 155
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza r-rwol tal-investimenti soċjali u l-importanza tar-riformi u l-investimenti f'oqsma ewlenin bħat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet, it-tagħlim tul il-ħajja, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, li jistgħu jiġu kkomplementati b'investiment ogħla fl-akkomodazzjoni affordabbli u l-protezzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 156
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jesprimi tħassib li r-Rom għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti għall-impjieg, bi preġudizzji persistenti li jillimitaw il-prospetti tagħhom; jinnota li l-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, għall-Inklużjoni u għall-Parteċipazzjoni jenfasizza nuqqas ta' progress fl-aċċess għall-impjiegi u sehem dejjem akbar ta' żgħażagħ Rom barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ; jenfasizza l-għan tal-Qafas li jnaqqas bin-nofs id-differenza fl-impjiegi bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali u jiżgura li mill-inqas 60 % tar-Rom ikunu f'xogħol imħallas sal-2030; iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw approċċ integrat u ffukat fuq l-ugwaljanza u jiżguraw li l-politiki u s-servizzi pubbliċi jilħqu b'mod effettiv lir-Rom kollha, inklużi dawk f'żoni rurali remoti;

Or. en

Emenda 157
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jisħaq li r-rispons għan-nuqqas ta' ħaddiema fl-Unjoni Ewropea jinvolvi wkoll it-titjib u l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu u jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki fl-Unjoni, inkluż għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-effikaċja tal-pjattaforma EURES bil-ħsieb ta' reviżjoni potenzjali tal-operat tagħha;

Or. en

Emenda 158
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2d. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis fil-prestazzjoni edukattiva taż-żgħażagħ, b'mod partikolari fil-ħiliet bażiċi[17a]; jilqa' f'dan ir-rigward it-tħabbira ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi u Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM[18a]; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fi programmi biex jgħammru lill-istudenti bil-ħiliet bażiċi, diġitali u trażversali meħtieġa għad-dinja tax-xogħol u d-diġitalizzazzjoni tagħha kif ukoll jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-soċjetà; jemmen li l-ħiliet diġitali u trażversali jridu jinkludu komponent ta' litteriżmu medjatiku u ħsieb kritiku sabiex tkun tista' tiġi miġġielda t-theddida ta' miżinformazzjoni;

[17a] Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura – Education and training monitor 2024 (Monitoraġġ tal-edukazzjoni u t-taħriġ 2024) – Rapport komparattiv, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[18a] Ittra ta' missjoni lill-Viċi President Eżekuttiv għad-Drittijiet Soċjali, il-Ħiliet, l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Preparatezza, Diċembru 2024.

Or. en

Emenda 159
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2e. Jinnota li l-għadd ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għadu għoli f'diversi Stati Membri, minkejja xejra 'l isfel fl-Unjoni Ewropea; jinnota li dan il-fenomenu jaffettwa b'mod partikolari lill-irġiel żgħażagħ, bi 11,3 % tal-irġiel żgħażagħ u 7,7 % tan-nisa żgħażagħ fl-Unjoni li telqu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni fl-2023; jinsab imħasseb dwar l-impatt ta' dawn il-persuni li jieqfu jistudjaw jew jitħarrġu qabel iż-żmien fuq il-futur ta' dawn iż-żgħażagħ, meta wieħed iqis li persuna waħda biss minn kull tnejn li kienu telqu kmieni mill-iskola għandha impjieg, li kważi persuna waħda minn kull tlieta li kienu telqu kmieni mill-iskola ma tistax issib impjieg minkejja x-xewqa tagħha li tagħmel dan, u li persuna waħda minn kull ħamsa tiddeċiedi li tibqa' inattiva; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw din is-sitwazzjoni u jiżviluppaw soluzzjonijiet personalizzati biex it-tfal u ż-żgħażagħ jibqgħu jmorru l-iskola;

Or. en

Emenda 160
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2f. Jinsab imħasseb dwar il-livell tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, li għadu għoli ħafna f'diversi Stati Membri u aktar mid-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad fil-livell tal-UE; ifakkar fl-impenn meħud favur iż-żgħażagħ mill-Istati Membri fl-istabbiliment tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ li ż-żgħażagħ kollha taħt l-età ta' 30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, u apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni; huwa tal-fehma li huma meħtieġa aktar sinerġiji bejn l-istrumenti tal-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat għaż-żgħażagħ fil-bżonn matul l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom; jilqa' l-fatt li l-eżiti tal-impjiegi għall-gradwati reċenti mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) qed ikomplu jitjiebu madwar l-UE; jisħaq mill-ġdid fuq ir-rwol ċentrali tal-VET fl-għoti tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għaż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fil-kwalità u l-attraenza tal-VET permezz tal-FSE+ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa;

Or. en

Emenda 161
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ***ta' strumenti*** finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni ***aċċessibbli*** u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju***, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista***;	3. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jagħmlu l-akkomodazzjoni element fundamentali tal-politiki Ewropej; jisħaq li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom obbligu lejn iċ-ċittadini biex jiżguraw l-aċċess universali tagħhom għal akkomodazzjoni diċenti, affordabbli u b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali bħall-Artikoli 16, 30 u 31 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jenfasizza li l-investimenti f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli huma kruċjali sabiex tiġi żgurata u tittejjeb il-kwalità tal-għajxien għaċ-ċittadini kollha tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tibni politika tal-akkomodazzjoni soċjali fl-UE u*** tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni ***għal kulħadd*** fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni ***pubblika***, inkluż permezz ***tal-finanzjament tal-UE u l-istrumenti*** finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni ***pubblika, ta' kwalità tajba, deċenti*** u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u ***b'diżabbiltà, tal-persuni akbar fl-età u*** tal-familji f'riskju***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjonijiet deċiżivi biex jipprovdu akkomodazzjoni affordabbli għal kulħadd billi jappoġġjaw Strateġija Ewropea għall-Akkomodazzjoni b'saħħitha***;

Or. en

Emenda 162

Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;	3. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrikonoxxi l-prattiki tajba tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, bħas-sussidji tal-prezzijiet għall-konsumaturi residenzjali; u*** tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha ***tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri filwaqt li*** tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista; ***jistieden lill-Kummissjoni tevita li tpoġġi l-piż tal-konverżjonijiet tal-effiċjenza enerġetika tad-djar fuq il-familji;***

Or. en

Emenda 163
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li ***r-reviżjoni***	3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar ***id-disponibbiltà u*** l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew

tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;

tal-Investiment; iqis li ***valutazzjoni tal-politiki u l-fondi tal-Unjoni, inklużi l-ostakli fil-qafas*** regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni***, b'mod partikolari r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat,*** għandha tiffaċilita l-bini***, ir-rikonverżjoni u r-rinnovazzjoni*** ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija***, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali,*** li tissodisfa l-ħtiġijiet ***tal-gruppi b'introjtu baxx u medju kif ukoll*** taż-żgħażagħ, tal-persuni ***b'diżabbiltà u dawk*** b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien ***prospettivi*** tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;

Or. en

Emenda 164
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista***. tali tnaqqis fil-provvista mistenni jwassal għal dewmien fl-applikazzjoni tal-iskeda ta' żmien għall-binjiet b'iżolazzjoni ħażina li huma sors ewlieni ta' inċertezza u imblukkar fis-suq tal-kera***;

Or. fr

Emenda 165
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi ***lis-sidien tad-djar*** minn aktar tnaqqis fil-provvista;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli***,*** ***affordabbli*** u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll ***biex*** tipproteġi ***lil dawk li qed ifittxu aċċess għas-sjieda ta' dar*** minn aktar tnaqqis fil-provvista; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu l-akkomodazzjoni adegwata bħala dritt.***

Or. en

Emenda 166
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew ***u tippromwovi l-investiment*** fl-akkomodazzjoni***, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-***	3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew***; ifakkar fil-ħtieġa li tingħalaq id-diskrepanza annwali fl-investiment*** fl-akkomodazzjoni ***soċjali u affordabbli ta' EUR 57 biljun u fl-***

reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;	***importanza tal-Pjattaforma ta' Investiment Pan-Ewropea mħabbra biex tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' fondi tal-UE u strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; jenfasizza l-opportunità offruta billi jiġi rduppjat l-ammont ta' Fondi ta' Koeżjoni ddedikati għall-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli***;

Or. en

Emenda 167
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;	3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-Semestru Ewropew u tippromwovi l-investiment fl-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita l-bini ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u ***tal-persuni b'diżabbiltà u*** tal-familji f'riskju, kif ukoll tipproteġi lis-sidien tad-djar minn aktar tnaqqis fil-provvista;

Or. en

Emenda 168
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jiddispjaċih li ċerti regoli u direttivi tal-UE, bħad-Direttiva dwar is-Self Improduttiv u r-Regoli tal-UE dwar l-Għajnuna Fiskali u mill-Istat kellhom rwol fiż-żieda fil-prezzijiet tad-djar u l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar madwar l-Unjoni, peress li spiss jistgħu jipprevjenu lill-Istati Membri milli jinvestu b'mod komprensiv fl-indirizzar tal-ispejjeż dejjem jiżdiedu tal-akkomodazzjoni u ż-żieda fil-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

Or. en

Emenda 169
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-investimenti fl-akkomodazzjoni jappoġġjaw soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni ta' kwalità fit-tul li fil-fatt ikunu affordabbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u dawk b'introjtu medju permezz ta' kundizzjonalitajiet soċjali u salvagwardji antispekulattivi; jemmen li l-indirizzar tal-investimenti spekulattivi u l-finanzjalizzazzjoni għandu jkun element ċentrali tal-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli; jilqa' f'dan ir-rigward analiżi fil-fond tal-impatt tal-ispekulazzjoni fil-qasam tal-akkomodazzjoni u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħha sabiex jinkisbu reazzjonijiet fil-pront u jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu fejn ikun meħtieġ; iqis li r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għas-settur tal-akkomodazzjoni għandha tiffaċilita r-rinnovazzjoni u l-

kostruzzjoni, filwaqt li tevita aktar użu tal-art, ta' akkomodazzjoni aċċessibbli, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u tal-persuni f'sitwazzjoni aktar vulnerabbli;

Or. en

Emenda 170
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Iqis li l-problema ta' persuni mingħajr dar hija problema soċjali drammatika fl-UE u waħda mill-aktar forom estremi ta' esklużjoni soċjali, li ċċaħħad lill-individwi minn ħajja dinjituża u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni biex tintemm il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-UE billi jiġi promwoss aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u deċenti; Jitlob definizzjoni waħda tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-UE li tippermetti l-paragun u l-valutazzjoni sistematiċi tal-firxa tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fil-pajjiżi differenti tal-UE; u li tippermetti li r-rati ta' persuni mingħajr dar jiġu mmonitorjati b'mod sistematiku fil-livell tal-UE permezz ta' istituzzjonijiet bħall-Eurostat;

Or. en

Emenda 171
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli mħabbar biex jappoġġja lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-kriżi tal-akkomodazzjoni u ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-kirjiet u tad-djar; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jingħata lok għall-miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni u l-akkomodazzjoni soċjali; ifakkar li l-Fond Soċjali għall-Klima se jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri mill-2026 biex jappoġġjaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli b'appoġġ għall-introjtu dirett temporanju u miżuri u investimenti maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini u l-integrazzjoni fil-bini tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 172
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti rigward it-tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-UE, taċċellera t-trasformazzjoni diġitali fl-industriji kollha, taħtaf l-opportunitajiet tal-ekonomija tad-data filwaqt li tiżgura l-privatezza u s-sigurtà, kif ukoll trawwem l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi;

Or. en

Emenda 173

Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Ifakkar fl-objettiv tal-Unjoni ta' tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura komunitarja jew f'familja; jistieden lill-Kummissjoni tressaq Pjan ta' Azzjoni dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni; jisħaq li dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkopri l-gruppi kollha li għadhom jgħixu fl-istituzzjonijiet inklużi t-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li jbatu minn kwistjonijiet ta' saħħa mentali jew il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u l-anzjani; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tal-FSE+ kif ukoll minn fondi Ewropej u nazzjonali rilevanti oħra sabiex jiffinalizzaw il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni ħalli jiġi żgurat li kull ċittadin tal-UE jista' jgħix f'ambjent familjari jew komunitarju;

Or. en

Emenda 174
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Iqis li l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati l-livelli persistentement għoljin ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-UE, b'mod partikolari fost it-tfal, iż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, l-individwi li ma twildux fl-UE, il-persuni LGTBI u l-komunitajiet Rom; l-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għandu jingħata prijorità, b'miri

vinkolanti biex titnaqqas il-problema ta' persuni mingħajr dar u tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli; Jistieden lill-Kummissjoni tadotta l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar;

Or. en

Emenda 175
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Ifakkar fil-mira li ssir ħidma biex tintemm il-problema ta' persuni mingħajr dar sal-2030; jistieden lill-Istati Membri jfasslu strateġiji nazzjonali għall-problema ta' persuni mingħajr dar iċċentrati fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq l-akkomodazzjoni biex jallinjaw ma' dan l-għan; jilqa' l-intenzjoni li titressaq Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli żżid l-ambizzjoni tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar, b'mod partikolari billi tallokalha baġit iddedikat;

Or. en

Emenda 176
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa	4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew ***komprensiv***

mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni ***mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem solidarjetà interġenerazzjonali u ssaħħaħ il-programmi*** ta' appoġġ emozzjonali ***għaż-żgħażagħ*** u l-adulti ***akbar fl-età***;	għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi Strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni ***u s-solidarjetà interġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali u l-programmi*** ta' appoġġ emozzjonali ***għat-tfal, iż-żgħażagħ*** u l-adulti***, speċjalment f'reġjuni remoti u inqas żviluppati***;
[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).	[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).

Or. en

Emenda 177
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob li s-Semestru Ewropew ***jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem solidarjetà interġenerazzjonali u ssaħħaħ il-programmi ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età***;	4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob li s-Semestru Ewropew ***juża l-Indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali biex jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni u l-kundizzjonijiet tal-għajxien prekarji u l-inċertezza dwar il-benesseri, is-saħħa mentali u l-parteċipazzjoni tan-nies fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol***;
[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv	[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv

lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).	lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).

Or. en

Emenda 178
Marlena Maląg, Georgiana Teodorescu, Elena Donazzan, Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem solidarjetà interġenerazzjonali u ssaħħaħ il-programmi ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età;	4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem solidarjetà interġenerazzjonali u ssaħħaħ il-programmi ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età; ***jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-ekonomija tal-fidda u ssaħħaħ il-programmi ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età;***
[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).	[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).

Or. en

Emenda 179
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; jitlob ***li s-Semestru Ewropew jindirizza*** l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri ***billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem solidarjetà*** interġenerazzjonali u ***ssaħħaħ il-programmi*** ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età;	4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2] ***u għall-promozzjoni tal-preskrizzjoni soċjali bħala l-ewwel pass għas-saħħa mentali***; jitlob ***lill-Istati Membri jindirizzaw*** l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri ***u jrawmu s-solidarjetà*** interġenerazzjonali u ***jsaħħu l-programmi*** ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età;
[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).	[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).

Or. en

Emenda 180
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; ***jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tas-solitudni fuq il-produttività u l-benesseri billi jippromwovi strateġija tal-UE li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa li, min-naħa tagħha, tista' trawwem solidarjetà interġenerazzjonali u ssaħħaħ il-***	4. Jappella għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni Ewropew għas-saħħa mentali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni[2]; ***jappella għal Direttiva fil-livell tal-UE dwar ir-riskji psikosoċjali biex tiġi indirizzata l-prevalenza akbar ta' xi riskji psikosoċjali fil-postijiet tax-xogħol tal-UE ħalli jiġi żgurat li l-prinċipji tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali minquxa fid-Direttiva Qafas jiġu implimentati b'mod effettiv***

programmi ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u l-adulti akbar fl-età;	***anke fir-rigward tar-riskji psikosoċjali***;
[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).	[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298).

Or. en

Emenda 181
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4a. Jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet soċjoekonomiċi tat-tibdil demografiku u t-tixjiħ u s-solitudni f'termini ta' produttività, benesseri u koeżjoni soċjali billi jippromwovi strateġija olistika tal-UE dwar it-tixjiħ li tindirizza s-solitudni mhux mixtieqa, il-ħtieġa ta' akkomodazzjoni deċenti, aċċessibbli u adattata, l-aċċess għal kura professjonali u inklużiva u servizzi ta' kura fit-tul u l-promozzjoni tal-inklużjoni attiva u l-opportunitajiet indaqs għall-ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol, u sussegwentement dan jista' jrawwem is-solidarjetà interġenerazzjonali u jsaħħaħ il-programmi ta' appoġġ emozzjonali għaż-żgħażagħ u għall-persuni akbar fl-età; jitlob l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà għal servizzi ta' kura ta' kwalità għolja u affordabbli għall-kura bikrija tat-tfal u l-kura fit-tul, u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u taħriġ għall-persunal tal-kura, inkluża l-kura informali;**

Or. en

Emenda 182
Marlena Maląg, Georgiana Teodorescu, Elena Donazzan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja li l-impjegaturi jeħtieġ li jrawmu r-rabtiet interġenerazzjonali fi ħdan il-kumpaniji u t-tagħlim interġenerazzjonali bejn iż-żgħażagħ u l-anzjani, u viċi versa; jissottolinja li forza tax-xogħol li qed tixjieħ tista' tgħin lil negozju jiżviluppa prodotti u servizzi ġodda biex jadatta għall-ħtiġijiet ta' soċjetà li qed tixjieħ b'mod aktar kreattiv u produttiv; jappella wkoll għall-ħolqien ta' inċentivi li jħeġġu l-volontarjat u l-mentoraġġ biex jixprunaw it-trasferiment tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet;

Or. en

Emenda 183
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob inizjattivi biex tiġi miġġielda l-esklużjoni mill-forza tax-xogħol bħala konsegwenza ta' perjodi itwal ta' liv minħabba mard ikkawżat minn mard serju li mhux komunikabbli bħall-kanċer, il-mard kardjovaskulari, id-dijabete, il-mard respiratorju kroniku, is-saħħa mentali u d-disturbi newroloġiċi kif ukoll il-mard rewmatiku u muskoloskeletali, b'mod partikolari inizjattivi li jiffukaw fuq l-adattament tal-post tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u strateġiji li jappoġġjaw ir-ritorn tal-ħaddiema wara assenzi aktar fit-tul;

Or. en

Emenda 184
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob li s-Semestru Ewropew jindirizza l-impatt soċjoekonomiku tal-kwistjonijiet tas-saħħa mentali tat-tfal, tal-adolexxenti u tal-adulti żgħażagħ fuq l-istandards tal-għajxien u l-benesseri fit-tul tagħhom.

Or. en

Emenda 185
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Iwissi li skont ir-rapporti tal-BĊE, il-pagi reali għadhom taħt il-livell tagħhom ta' qabel il-pandemija, filwaqt li l-produttività kienet bejn wieħed u ieħor l-istess; jaqbel li dan joħloq lok għal irkupru mhux inflazzjonarju fil-pagi reali u jwissi li jekk il-pagi reali ma jirkuprawx, dan iżid ir-riskju ta' dgħufija ekonomika fit-tul, u sussegwentement jista' jikkawża effetti ċikatriċi u jkompli jdgħajjef il-produttività fiż-żona tal-euro meta mqabbla ma' partijiet oħra tad-dinja; jemmen li ż-żieda fil-pagi minimi u t-tisħiħ tal-kopertura tan-negozjar kollettiv jista' jkollhom effett ta' benefiċċju fuq il-livelli ta' inugwaljanza fil-pagi, b'mod partikolari billi tingħata għajnuna lill-ħaddiema l-aktar

vulnerabbli fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-pagi, li qed jiġu dejjem aktar eskluż;

Or. en

Emenda 186
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw pjan ta' azzjoni dwar l-indirizzar tas-solitudni u l-iżolament rurali;

Or. en

Emenda 187
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, li jinkludu fost l-oħrajn pagi deċenti, aċċess għall-protezzjoni soċjali, opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, saħħa u sikurezza okkupazzjonali, bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u d-dritt għall-iskonnessjoni, ħin tax-xogħol raġonevoli, rappreżentanza tal-ħaddiema, demokrazija fuq il-post tax-xogħol u ftehimiet kollettivi; L-Istati Membri jeħtieġ li jrawmu d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv u jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; għandhom jiżguraw ukoll paga

ugwali għal xogħol ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, itejbu t-trasparenza fil-pagi u jindirizzaw l-inugwaljanza abbażi tal-ġeneru biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE;

Or. en

Emenda 188
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu l-mard tas-saħħa mentali u l-istress li jikkaġuna x-xogħol

Or. en

Emenda 189
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jisħaq li r-rwol tad-djalogu soċjali u s-sħab soċjali għandu jiġi integrat b'mod sistematiku fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali, filwaqt li jiġi żgurat l-involviment tas-sħab soċjali fil-livelli kollha;

Or. en

Emenda 190
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi reġjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u affordabbli għal kulħadd;

Or. en

Emenda 191
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4f. L-iskemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri għandhom jiżguraw benefiċċji tal-introjtu minimu adegwati għal dawk kollha li ma għandhomx biżżejjed riżorsi u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jappoġġjaw u jħeġġu lin-nies fl-età tax-xogħol jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, inkluż permezz ta' għoti mmirat ta' servizzi soċjali; Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jimplimentaw malajr u b'mod effettiv id-Direttiva tal-UE dwar Pagi Minimi Adegwati f'dan ir-rigward biex jinkiseb standard tal-għajxien deċenti, jitnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu, u tiġi promossa l-koeżjoni soċjali;

Or. en

Emenda 192

Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għall-familji*** kollha; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea ***għal*** familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***u d-dritt għall-iskonnessjoni, b'enfasi partikolari fuq il-politiki dwar il-ħin tax-xogħol u t-tnaqqis u ż-żieda fil-flessibbiltà tal-ħin tax-xogħol u miżuri li jinkoraġġixxu kondiviżjoni aktar ugwali tal-ħin tax-xogħol imħallas u mhux imħallas bejn l-irġiel u n-nisa***, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għat-tipi*** kollha ***ta' familji u individwi***; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea ***għat-tipi kollha ta'*** familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi***, tal-kura tat-tfal*** u soċjali; ***Jenfasizza li fl-2023, 24,8 % tat-tfal taħt l-età ta' 18-il sena fl-UE kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, u dan jirrappreżenta żieda skont il-JER; Jisħaq fuq l-importanza li tiġi implimentata l-Garanzija Ewropea għat-Tfal bħala pedament biex jiġu indirizzati l-livelli għoljin ta' faqar fost it-tfal fl-Istati Membri kollha, inklużi miżuri biex tissaħħaħ il-Garanzija għat-Tfal permezz ta' żieda fil-baġit iddedikat tagħha għal mill-inqas EUR 20 biljun;***

Or. en

Emenda 193
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għall-familji*** kollha; jistieden lill-Kummissjoni ***tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali***;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għall-ħaddiema*** kollha; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-Istrateġija Ewropea għall-Kura kif ukoll tipproponi qafas biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura fit-tul, inklużi l-iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki, l-appoġġ tat-taħriġ fil-ħiliet u l-progressjoni tal-karriera u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva biex tirregola l-kundizzjonijiet tat-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni madwar l-UE bħala miżura essenzjali biex jiġi żgurat il-benesseri mentali tal-ħaddiema tal-UE u tiġi kkomplementata d-direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jappella wkoll għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol***;
	Or. en

Emenda 194
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; ***jappella għal aktar inizjattivi biex jiġu appoġġjati l-persuni li jindukraw b'mod formali u informali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u r-remunerazzjoni adegwata tagħhom kif ukoll id-dinjità tal-persuni dipendenti fuq il-kura tagħhom;*** jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta

leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;

Or. en

Emenda 195
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għall-familji kollha; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri*** waħedhom, li ***toffri vantaġġi tat-taxxa***, edukattivi u soċjali;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għall-ħaddiema, inklużi l-familji kollha u l-ġenituri*** waħedhom, li ***joffru benefiċċji fiskali***, edukattivi u soċjali ***għall-familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 196
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; ***jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri***	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; ***jenfasizza li l-politika tal-familja hija l-kompetenza tal-Istati Membri; jenfasizza l-importanza tal-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri dwar il-miżuri***

waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;	***ta' appoġġ eżistenti li joffru*** vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali ***għall-familji l-kbar u l-familji b'ġenitur wieħed***;

Or. en

Emenda 197
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji ***Ewropej*** kollha; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;

Or. fr

Emenda 198
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; jistieden lill-Kummissjoni ***tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta'*** Karta Ewropea ***għal familji kbar*** u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li ***toffri*** vantaġġi ***tat-taxxa***, edukattivi u soċjali;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-familji kollha; jistieden lill-Kummissjoni ***tikkunsidra*** Karta Ewropea ***għall-familji l-kbar*** u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li ***joffru*** vantaġġi ***ekonomiċi***, edukattivi u soċjali;

Or. en

Emenda 199
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għall-familji kollha***; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;	5. Jappella għall-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ***għal kulħadd***; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' Karta Ewropea għal familji kbar u pjan ta' azzjoni Ewropew għall-ġenituri waħedhom, li toffri vantaġġi tat-taxxa, edukattivi u soċjali;

Or. en

Emenda 200
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 – punt a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(a) Jirrikonoxxi li 44 miljun Ewropew spiss jaġixxu bħala fornituri informali tal-kura fit-tul, u li l-maġġoranza tagħhom huma nisa[3a];
	[3a] 2021 Long-term care in the EU (2021 – Il-kura fit-tul fl-UE)

Or. en

Emenda 201
Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jitlob l-introduzzjoni ta' approċċ ta' żvilupp sostenibbli biex jiġu indirizzati b'mod speċifiku l-konsegwenzi tat-tibdil strutturali u demografiku fil-pajjiżi Ewropej individwali (inklużi proposti għall-promozzjoni ta' ambjent tax-xogħol li huwa favur il-familja bl-għan li jitnaqqsu r-rati ta' eżawriment u l-piżijiet fuq is-sigurtà soċjali u fuq il-ħajja tal-familja); jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal kuċett ta' miżuri biex jinħolqu standards minimi adegwati għall-benefiċċji tal-familja diġà fis-seħħ fl-Istati Membri tal-UE, sabiex jitnaqqsu l-faqar fost it-tfal u l-inugwaljanza soċjali u jissaħħu l-familji Ewropej b'mod sostenibbli;

Or. de

Emenda 202
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrikonoxxi r-rwol uniku tal-persuni li jindukraw fis-soċjetà, u l-fatt li d-definizzjoni ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa mhijiex armonizzata madwar l-UE u s-settur tal-kura fit-tul jimpjega 6,4 miljun persuna madwar l-UE[4a].
	[4a] 2021 Long-term care in the EU (2021 – Il-kura fit-tul fl-UE)

Or. en

Emenda 203
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li ***l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li din tingħata l-istess importanza bħall-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali***; jistieden lill-Kummissjoni ***tiddikjara*** "***Sena Ewropea tad-Demografija"*** u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" ***tal-popolazzjoni***;	6. Jitlob li ***s-Semestru Ewropew jintegra l-objettivi soċjali fuq l-istess livell ma' dawk ekonomiċi; jinsab imħasseb dwar id-disparitajiet dejjem akbar bejn iż-żoni urbani u dawk rurali bħala riżultat ta' reġjuni inqas urbanizzati li ma għandhomx opportunitajiet ta' taħriġ u li ma jistgħux jattiraw u jżommu ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet***; jistieden lill-Kummissjoni ***tibni fuq il-Komunikazzjoni dwar l-Isfruttar tat-Talenti fir-Reġjuni tal-Ewropa u l-"Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent" sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali*** u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja ***l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, is-servizzi pubbliċi, l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ,*** proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju";

Or. en

Emenda 204
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-isfidi demografiċi ***jingħataw*** prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li ***din tingħata l-istess importanza bħall-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament għar-***	6. Jitlob li l-isfidi demografiċi ***jkunu*** prijorità ***ewlenija*** fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li ***dan jiġi kkombinat mat-titjib u t-tisħiħ tal-politiki ddedikati għall-integrazzjoni b'suċċess tal-migranti fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà***;

reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;

Or. en

Emenda 205
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li ***din tingħata l-istess importanza bħall-Patt*** Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;	6. Jitlob li l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li ***l-azzjonijiet konkreti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali jiġu allinjati mal-Patt*** Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali***, servizzi pubbliċi affordabbli u aċċessibbli*** u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni***, speċjalment iż-żgħażagħ***;

Or. en

Emenda 206
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li ***l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità*** fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li din tingħata l-istess importanza bħall-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija	6. Jitlob li ***l-iżbilanċ reġjonali jiġi indirizzat u prijoritizzat*** fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li din tingħata l-istess importanza bħall-Patt Ekoloġiku u l-

Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea ***tad-Demografija***" u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;	Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea ***tar-Reġjuni u l-Gżejjer***" u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni ***u staġnar ekonomiku***, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;
	Or. en

Emenda 207
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li din tingħata ***l-istess*** importanza ***bħall-Patt*** Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;	6. Jitlob li l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE u li din tingħata importanza ***akbar mill-Patt*** Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament għar-reġjuni b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni ***tal-Istati Membri***;
	Or. fr

Emenda 208
Marlena Maląg, Georgiana Teodorescu, Elena Donazzan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE ***u li din tingħata l-istess***	6. Jitlob li l-isfidi demografiċi jingħataw prijorità fil-politika ta' koeżjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni

importanza bħall-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament ***għar-reġjuni*** b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;

tiddikjara "Sena Ewropea tad-Demografija" u żżid il-finanzjament ***għażżoni rurali u ultraperiferiċi u r-reġjuni*** b'rata għolja ta' depopolazzjoni, filwaqt li tappoġġja proġetti ta' żvilupp lokali u infrastruttura bażika li jiffavorixxu d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" tal-popolazzjoni;

Or. en

Emenda 209
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza l-influwenza dejjem akbar tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u tal-pjattaformi diġitali li se jixprunaw trasformazzjonijiet profondi fit-teknoloġiji fis-suq tax-xogħol, li jaffettwaw il-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u b'riżultat ta' dan, il-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema kif rikonoxxut fil-JER; Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi b'urġenza direttiva dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fuq il-post tax-xogħol li tiżgura li d-drittijiet tal-ħaddiema jiġu protetti u rispettati;

Or. en

Emenda 210
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali mingħajr skop ta' qligħ b'oqfsa ta' abilitazzjoni finanzjarji u fiskali xierqa; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u jtejbu l-viżibbiltà tal-atturi tal-ekonomija soċjali kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali 2021;

Or. en

Emenda 211
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol diġitali, filwaqt li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza d-dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol;

Or. en

Emenda 212
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali biex jippromwovu xogħol ta' kwalità, deċenti u inklużiv, is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari, u jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tal-

ekonomija soċjali;

Or. en

Emenda 213
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali;*** jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament ***permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija*** soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;	7. jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament ***u l-ekonomija*** soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;

Or. en

Emenda 214
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill***, f'konformità mad-Dikjarazzjoni***

ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;

ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea tat-8 ta' Novembru 2024, jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku; ***jemmen fl-importanza li l-Ewropa titqiegħed fuq quddiem nett tar-riċerka u l-innovazzjoni globalment, speċjalment fit-teknoloġiji fixkiela, u li jintlaħaq l-objettiv li tintlaħaq il-mira tan-nefqa ta' 3 % tal-PDG fuq ir-R&Ż sal-2030;***

Or. en

Emenda 215
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi ***u fiskali*** li jaffettwaw l-intraprenditorija***, speċjalment*** għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri***, speċjalment għall-***	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi li jaffettwaw l-intraprenditorija għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri ***aspiranti u l-SMEs*** u n-negozji ġodda, se jtejjeb ***l-***

SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb ***il-kompetittività*** tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; ***jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;***	***ekonomija soċjali*** tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità;
	Or. en

Emenda 216
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex ***jitlesta s-suq uniku u*** jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata ***u tal-ekonomija*** soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex ***jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tas-swieq interni u biex*** jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata ***meta s-sinerġija bejn is-settur pubbliku u dak privat tkun probabbli ħafna u murija – u għall-ekonomija*** soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;
	Or. fr

Emenda 217
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar ***għall-imprendituri, speċjalment*** għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u ***tal-ekonomija*** soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività ***u s-sostenibbiltà fit-tul*** tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku ***filwaqt li jiġu integrati l-prinċipji soċjali u tas-sostenibbiltà*** u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u ***l-ekonomija*** soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku ***u inklużiv***;

Or. en

Emenda 218
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi ***u fiskali*** li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-

UE***, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali***; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;

UE; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;

Or. en

Emenda 219
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs ***u n-negozji ġodda***, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-ostakli burokratiċi u fiskali li jaffettwaw l-intraprenditorija, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda, li huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE, u b'hekk għall-finanzjament tal-politiki soċjali; jemmen li appoġġ aħjar għall-imprendituri, speċjalment għall-SMEs***, in-negozji ġodda u dawk li jaħdmu għal rashom***, se jtejjeb il-kompetittività tal-UE, jagħti spinta lill-innovazzjoni u joħloq impjiegi ta' kwalità; jitlob b'urġenza l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jitlesta s-suq uniku u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' pjattaformi ta' sħubija pubblika-privata u tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem ambjent tan-negozju dinamiku;

Or. en

Emenda 220
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar fl-importanza li jittejjeb l-aċċess tal-persuni li jaħdmu għal rashom għall-protezzjoni soċjali u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom bħala parti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar f'dan ir-rigward, peress li r-rata ta' professjonisti li jaħdmu għal rashom fis-setturi kulturali u kreattivi hija aktar mid-doppju milli fil-popolazzjoni ġenerali, fit-13-il inizjattiva stabbiliti fir-rispons tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2024 għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 dwar qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u tal-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi u jistieden lill-Kummissjoni tibda timplimentahom f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 221
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iwissi dwar ir-riskji soċjali li jirriżultaw mill-kriżi tas-settur awtomobilistiku, li qed jiffaċċja pressjoni

	bla preċedent minn fatturi kemm esterni kif ukoll interni; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti attenzjoni lil dan is-settur filwaqt li tuża l-indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali biex timmonitorja l-protezzjoni tal-ħaddiema u ssaħħaħ id-djalogu soċjali u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-proċessi ta' tranżizzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' rispons ikkoordinat tal-UE permezz ta' task force ta' emerġenza tat-trade unions u tal-impjegaturi biex twieġeb għall-kriżi attwali;

Or. en

Emenda 222
Marlena Maląg, Georgiana Teodorescu, Elena Donazzan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq kontrolli tal-kompetittività fuq kull proposta leġiżlattiva ġdida, filwaqt li tqis l-impatt ġenerali tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-kumpaniji, kif ukoll fuq politiki u programmi oħra tal-UE;

Or. en

Emenda 223
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet pubbliċi-privati biex tittejjeb l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 224
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet pubbliċi-privati biex tittejjeb l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 225
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet pubbliċi-privati biex tittejjeb*** l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali;	8. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu l-kwalità, il-kopertura, l-affordabbiltà u*** l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali***, inklużi l-kura tat-tfal u l-kura fit-tul; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità bil-ħsieb li jiġi żgurat aċċess għal kura ta' kwalità filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema fis-settur tal-kura, kif ukoll għall-persuni li jindukraw b'mod informali***;

Or. en

Emenda 226
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza l-ħtieġa li ***jitrawmu*** sħubijiet pubbliċi-privati biex ***tittejjeb*** l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali ***essenzjali***, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali;	8. Jenfasizza l-ħtieġa li ***l-Istati Membri jrawmu*** sħubijiet pubbliċi-privati biex ***itejbu*** l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali ***pubbliċi***, bħall-edukazzjoni, is-saħħa***, l-akkomodazzjoni*** u l-kura soċjali ***kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal, filwaqt li jiżguraw ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jiżguraw l-għoti ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità f'dawn l-oqsma u l-aċċess għalihom***;

Or. en

Emenda 227
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza l-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet pubbliċi-privati biex tittejjeb l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali***;***	8. Jenfasizza l-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet pubbliċi-privati biex tittejjeb l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali***, dejjem jekk is-sinerġija bejn is-settur pubbliku u dak privat tkun probabbli u murija u ma tkunx tikkostitwixxi privatizzazzjoni ideoloġika u mingħajr sens.***

Or. fr

Emenda 228
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza ***l-ħtieġa li jitrawmu sħubijiet*** pubbliċi-privati biex tittejjeb l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali;	8. ***Jaqbel mal-proposta ta' Enrico Letta tal-"ħames libertà" biex jissaħħu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni fis-Suq Uniku u*** jenfasizza***, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jsir użu tajjeb mis-sħubijiet*** pubbliċi-privati biex tittejjeb l-effiċjenza fl-għoti ta' servizzi soċjali essenzjali, bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kura soċjali;

Or. en

Emenda 229
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***8a. Jinsab imħasseb dwar ħafna politiki nazzjonali li għadhom joħolqu lakuni fil-kopertura tas-saħħa, li jżidu l-inugwaljanzi kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejniethom, bħall-privatizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika, il-kopagamenti u n-nuqqas ta' kopertura; jenfasizza li dawn japprofondixxu l-faqar, idgħajfu s-saħħa u l-benesseri, u jżidu l-inugwaljanzi soċjali fil-pajjiżi tal-UE u bejniethom; iwissi li dan jimmina wkoll l-implimentazzjoni tal-prinċipju 16 tal-Pilastru u tal-SDG 3.8 dwar l-UHC, kif ukoll l-objettiv ġenerali tal-Pilastru li jippromwovi l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jemmen li l-indikaturi użati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ma jipprovdux fehim komprensiv tal-affordabbiltà tal-kura tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fit-tabella ta' valutazzjoni l-indikaturi li ġejjin ta' tbatija finanzjarja, bħat-tfaqqir u l-infiq katastrofiku fuq is-saħħa, kif ukoll analiżi**

kwalitattiva tad-dimensjonijiet differenti tal-politika ta' kopertura (kopertura tal-popolazzjoni, il-pakkett tal-benefiċċji u il-kopagamenti jew it-tariffi għall-utent) fl-Istati Membri sabiex jiġu identifikati l-bidliet meħtieġa biex jittejjeb l-aċċess affordabbli għall-kura tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva sabiex tiżgura kopertura tas-saħħa universali adegwata għal kulħadd sabiex kulħadd ikun jista' jaċċessa kura tas-saħħa ta' kwalità mingħajr ma jesperjenza tbatija finanzjarja;

Or. en

Emenda 230
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. iqis li l-ekonomija soċjali hija komponent essenzjali tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u mutur għall-implimentazzjoni tal-EPSR u l-miri tiegħu, li spiss tipprovdi impjieg lil gruppi vulnerabbli u esklużi; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-ekonomija soċjali f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali u l-Pjan Direzzjonali ta' Liège għall-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tesplora mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, bħall-bonds b'impatt soċjali, biex tiffinanzja proġetti li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa[19a];
	[19a] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali (2021/2179(INI)).

Or. en

Emenda 231
Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 232
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika	9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ***riveduti*** ta' governanza

riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli***, u*** jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom ***jipprijoritizzaw*** is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku ***fl-edukazzjoni, fil-kura*** tas-saħħa u ***fl-akkomodazzjoni***; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati ***hija essenzjali*** biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom ***jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha***;

ekonomika, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli ***u inklużiv, jinnota li l-involviment tas-sħab soċjali għandu jissaħħaħ fil-livelli kollha biex jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Qafas il-ġdid tal-Governanza Ekonomika 2024, b'mod speċifiku, għandha tiġi żgurata konsultazzjoni minn qabel mas-sħab soċjali qabel ma jiġu ppreżentati l-pjanijiet strutturali fiskali fuq terminu medju;*** jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom ***jiżguraw*** is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku ***f'edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ ta' kwalità, servizzi pubbliċi u soċjali ta' kwalità, kura*** tas-saħħa u ***fit-tul u akkomodazzjoni affordabbli u servizzi soċjali; jirrakkomanda l-użu ta' statistika komparattiva bħas-sejbiet tal-Indiċi tas-Servizzi Soċjali biex jiġu identifikati l-lakuni fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi soċjali, il-finanzjament, u l-aċċess u biex jiġu ggwidati l-investimenti strateġiċi f'oqsma bħall-protezzjoni tat-tfal, il-kura fit-tul, u l-appoġġ ibbażat fil-komunità***; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati ***xi drabi hija mod tajjeb*** biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom ***jippromwovu pensjonijiet li jiżguraw ħajja dinjituża, benesseri u saħħa ta' kwalità affordabbli, promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni għal kulħadd***;

Or. en

Emenda 233
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali ***mat-tkabbir sostenibbli***, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà ***tad-dejn*** filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi ***u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet*** pubbliċi ***sostenibbli u l-kura*** tas-saħħa ***għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u*** jrawmu ***l-kompetittività u l-prosperità fit-tul*** għaċ-ċittadini kollha;	9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali ***mas-sostenibbiltà u l-benesseri***, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà ***soċjali*** filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni ***pubblika***, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi***; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jitbiegħdu mil-loġika li jiġi preskritt b'mod persistenti t-tnaqqis baġitarju fis-sistemi*** pubbliċi ***tal-pensjonijiet u tal-kura*** tas-saħħa ***u minflok jistabbilixxu proposti ta' riforma li*** jrawmu ***l-benesseri ekonomiku u soċjali*** għaċ-ċittadini kollha; ***ifakkar fl-importanza li jiġi ppreżervat introjtu adegwat għal ħajja dinjituża tal-ħaddiema kollha matul il-perjodu tal-irtirar tagħhom, filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà ta' dawk il-ħaddiema li l-karrieri tagħhom huma segmentati, intermittenti u soġġetti għal tranżizzjonijiet tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 234
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, ***bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti,*** jingħataw l-opportunità li ***jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir*** sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet	9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, jingħataw l-opportunità li ***jaħdmu favur it-tkabbir*** sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn

fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni***; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività*** u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;	filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni ***bl-għan li jrawmu l-koeżjoni soċjali*** u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;

Or. en

Emenda 235
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku ***fl-edukazzjoni, fil-kura*** tas-saħħa u ***fl-akkomodazzjoni***; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi ***sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura*** tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu ***l-kompetittività*** u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;	9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li ***fl-istess ħin*** jinvestu b'mod strateġiku ***fl-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-kura*** tas-saħħa u ***l-akkomodazzjoni***; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi ***biex titrawwem il-kompetittività***; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi ***diversi pilastri ta' sistemi tal-pensjonijiet u kura*** tas-saħħa ***ta' kwalità*** għandhom jiġu implimentati

b'mod effettiv u jrawmu ***s-sostenibbiltà, id-dinjità*** u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;

Or. en

Emenda 236
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli*** ta' governanza ekonomika ***riveduti***, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;	9. ***Jissottolinja li l-għan primarju tar-regoli l-ġodda ta' governanza ekonomika huwa li jinstab bilanċ bejn il-ġestjoni responsabbli tal-baġit (tnaqqis tad-dejn) u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli (infiq li jistimula t-tkabbir), għalhekk ir-regoli*** ta' governanza ekonomika, ***għandhom*** jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom jipprijoritizzaw is-sostenibbiltà tad-dejn filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;

Or. en

Emenda 237
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom ***jipprijoritizzaw*** is-sostenibbiltà tad-dejn ***filwaqt li jinvestu b'mod strateġiku*** fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;	9. Jitlob li l-Istati Membri, f'din is-sena ta' tranżizzjoni, bl-implimentazzjoni ta' regoli ta' governanza ekonomika riveduti, jingħataw l-opportunità li jallinjaw ir-responsabbiltà fiskali mat-tkabbir sostenibbli, u jinnota li l-pjanijiet fiskali fuq terminu medju għandhom ***jibbilanċjaw*** is-sostenibbiltà tad-dejn ***mal-investimenti soċjali*** fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni; jisħaq li l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati hija essenzjali biex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jiġi żgurat l-użu għaqli tal-fondi pubbliċi; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiġu promossi sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi sostenibbli u l-kura tas-saħħa għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv u jrawmu l-kompetittività u l-prosperità fit-tul għaċ-ċittadini kollha;
	Or. en

Emenda 238
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jirrikonoxxi l-impatti distruttivi li l-politiki ta' awsterità kellhom, u għad għandhom fuq is-soċjetà kollha kemm hi.
	Or. en

Emenda 239
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jilqa' l-fatt li l-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju, skont il-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, għandhom jinkludu r-riformi u l-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jispjegaw kif it-twettiq tar-riformi u l-investimenti se jindirizza r-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bħala parti mill-prijoritajiet komuni tal-Unjoni; huwa sodisfatt li l-Kummissjoni kkonfermat li l-Istati Membri kollha rrappurtaw l-intenzjonijiet ta' politika tagħhom dwar ir-riformi u l-investimenti li jindirizzaw l-isfidi identifikati bħala parti mis-Semestru Ewropew u l-prijoritajiet komuni tal-UE fil-pjanijiet tagħhom[19b];
	[19b] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Semestru Ewropew 2025: nagħtu l-ħajja lill-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika" (COM(2024) 705 final, p. 4-5).
	Or. en

Emenda 240
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja d-data dwar ir-ristrutturar u l-impatt tiegħu fuq l-impjiegi, pereżempju billi tuża l-Monitoraġġ Ewropew tar-Ristrutturar, tiffaċilita miżuri b'appoġġ għar-ristrutturar u t-tranżizzjonijiet fis-

suq tax-xogħol, u tikkunsidra li tenfasizza miżuri nazzjonali li jappoġġjaw mod soċjalment responsabbli ta' ristrutturar fis-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 241
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrikonoxxi l-importanza tas-sorveljanza pubblika tas-sħubijiet pubbliċi-privati, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-ħela ta' flus pubbliċi u l-korruzzjoni,

Or. en

Emenda 242
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jilqa' b'mod partikolari d-deċiżjoni meħuda għal 5 Stati Membri li l-perjodu ta' aġġustament fiskali jiġi estiż minn 4 għal 7 snin sabiex jingħata lok għal aktar flessibbiltà għat-twettiq tar-riformi u l-investimenti; ifakkar li din l-estensjoni hija sostnuta b'impenji favur sett addizzjonali ta' riformi u investimenti f'konformità mal-prijoritajiet komuni tal-UE, bħar-reżiljenza soċjali, u li r-riformi u l-investimenti kollha jeħtieġ li jkunu dettaljati, front-loaded, marbuta biż-żmien u verifikabbli biżżejjed; jilqa' l-fatt li għal diversi Stati Membri li għalihom ġie estiż il-perjodu ta' aġġustament fiskali, ir-

riformi huma marbuta mar-reżiljenza soċjali pereżempju bi pjanijiet ta' riforma tal-pensjonijiet, riforma tas-sigurtà soċjali jew riforma ta' sistema tal-viża għax-xogħol u għat-tiftix ta' impjieg; jenfasizza li r-rapporti ta' progress annwali mill-Istati Membri għandhom jinkludu l-progress f'dawn ir-riformi u l-investimenti;

Or. en

Emenda 243
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jissottolinja li s-sħubijiet pubbliċi-privati spiss ikollhom nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati, kif issottolinjat minn rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2018[5a]; jenfasizza li tali sħubijiet huma soġġetti għal ineffiċjenzi konsiderevoli fil-forma ta' dewmien u żidiet kbar fl-ispejjeż, u li l-allokazzjoni tar-riskju bejn is-sħab pubbliċi u dawk privati spiss ma tkunx xierqa, ma tkunx koerenti u ma tkunx effettiva, filwaqt li r-rati għoljin ta' remunerazzjoni fuq il-kapital ta' riskju tas-sieħeb privat rari jirriflettu r-riskji mġarrba; tal-anqas jenfasizza l-ħtieġa ta' sorveljanza pubblika tas-sħubijiet pubbliċi-privati, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-ħela ta' flus pubbliċi u l-korruzzjoni;

5a ***https://www.eca.europa.eu/lists/ecadocuments/sr18_09/sr_ppp_mt.pdf***

Or. en

Emenda 244
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-iżvilupp tal-pagi minimi fl-Istati Membri wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-pagi minimi biex tiddetermina jekk jintlaħaqx l-għan ta' "adegwatezza" tal-pagi minimi;

Or. en

Emenda 245
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jinsab imħasseb li l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għadha baxxa b'mod persistenti; jistieden lill-Istati Membri, fl-ambitu tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika u l-objettiv tiegħu li jsaħħaħ is-sjieda nazzjonali, iwieġbu aħjar għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-impjiegi u l-politiki soċjali fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogi tagħha mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet eżistenti u tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi kif ukoll dwar l-azzjoni politika attwali jew futura biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati;

Or. en

Emenda 246

Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jirrikonoxxi l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, li żiedet il-piż fuq l-unitajiet domestiċi, u ż-żieda fl-ispiża tal-akkomodazzjoni, li tikkontribwixxi għal livelli għoljin ta' faqar enerġetiku madwar l-UE. Jenfasizza li din hija kriżi storika, aggravata parzjalment mill-politiki ta' awsterità implimentati mill-UE u minn ħafna Stati Membri. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod komprensiv il-kawżi ewlenin ta' din il-kriżi billi jipprijoritizzaw il-politiki li jippromwovu r-reżiljenza ekonomika, il-koeżjoni soċjali, u l-iżvilupp sostenibbli.

Or. en

Emenda 247
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Jilqa' l-istabbiliment ta' qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali fi ħdan is-Semestru Ewropew, li kien talba qawwija mill-Parlament Ewropew; ifakkar li skont dan il-qafas, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali; jilqa' l-fatt li r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) tal-2025 jagħti analiżi speċifika għall-pajjiż ibbażata fuq il-prinċipji tal-

Qafas ta' Konverġenza Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa għodod innovattivi ta' analiżi kwantitattiva u kwalitattiva skont dan il-Qafas il-ġdid sabiex isir l-aħjar użu minnu fiċ-ċikli futuri tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 248
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9e. Jilqa' l-fatt li l-ewwel analiżi bbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali tindika konverġenza 'l fuq fis-suq tax-xogħol fl-2023[1a]; jinnota bi tħassib li l-eżiti tal-impjiegi ta' gruppi sottorappreżentati għad iridu jitjiebu u li r-riskji għall-konverġenza 'l fuq jippersistu fil-livell Ewropew fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet, mill-edukazzjoni bikrija sat-tagħlim tul il-ħajja, u l-eżiti soċjali tar-rati ta' riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar dawn ir-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fit-tieni stadju tal-analiżi u tiddiskuti mal-Istati Membri kkonċernati l-miżuri meħuda jew previsti biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji;
	[1a] JER 2025

Or. en

Emenda 249
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri;	10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali ***u tas-suq*** fl-Istati Membri; ***jiddispjaċih b'mod partikolari li għall-blokk li jkopri l-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ tinżel minn indikatur ewlieni għal indikatur awżiljarju minkejja s-sitwazzjoni inkwetanti f'diversi Stati Membri; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill meta tfassal it-Tabella ta' Valutazzjoni u s-sett ta' indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji għall-Istati Membri[20a];***

[20a] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, premessa 12.

Or. en

Emenda 250
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri;	10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri; ***jiddispjaċih li r-rata tal-qgħad fit-tul u l-***

qgħad fost iż-żgħażagħ ma għadhomx jitqiesu bħala indikaturi ewlenin, minkejja r-rilevanza tagħhom fl-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' sfidi speċifiċi tas-suq tax-xogħol u fl-adozzjoni ta' politiki pubbliċi adegwati; jiddeplora n-nuqqas ta' simetrija tal-indikatur attwali tas-surplus tal-bilanċ fit-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP;

Or. en

Emenda 251
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri;	10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri ***u biex tingħata direzzjoni lid-deċiżjonijiet ta' politika; jisħaq li r-reżiljenza soċjali u l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-EPSR għandhom ikunu parti mit-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP. Jistieden lill-Istati Membri jallinjaw il-politiki fiskali mal-prijoritajiet ta' investiment soċjali, f'konformità mal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika***;

Or. en

Emenda 252
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri;	10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri; ***Jisħaq li l-istandards tal-għajxien għandhom jiġu assimilati mal-indikaturi ekonomiċi tradizzjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.***

Or. en

Emenda 253
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata ***s-sitwazzjoni*** soċjali fl-Istati Membri;	10. Jinsab imħasseb dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata ***u titjieb is-sitwazzjoni*** soċjali fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 254
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jinsab imħasseb*** dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ	10. ***Jieħu nota*** dwar ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ

Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri;	Makroekonomiku, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-indikaturi tal-impjiegi u dawk soċjali, li huma kruċjali biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni soċjali fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 255
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Iqis li, fin-nuqqas ta' stabbilizzatur iffinanzjat mill-UE tan-nefqa għall-investimenti soċjali u n-nefqa soċjali, il-konsolidazzjoni fiskali kontinwa tal-baġits nazzjonali se tagħmel ħsara lill-objettivi soċjali tal-governanza ekonomika – jiġifieri l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-protezzjoni tal-ħaddiema involuti fit-tranżizzjonijiet tax-xogħol, u l-adattament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-protezzjoni soċjali għax-xejriet demografiċi. Iqis li l-koeżjoni territorjali u soċjali huma komponenti essenzjali tal-aġenda tal-kompetittività u l-faċilitajiet bħall-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) jibqgħu eżempju pożittiv biex jispiraw inizjattivi futuri tal-UE;

Or. en

Emenda 256
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Iqis li l-Kummissjoni tal-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki fiskali fl-ambitu tas-Semestru Ewropew jappoġġjaw investimenti allinjati mal-EPRS, b'mod partikolari f'oqsma bħall-akkomodazzjoni deċenti u affordabbli, il-kura tas-saħħa ta' kwalità, l-edukazzjoni, u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, peress li dawn huma kritiċi għall-koeżjoni soċjali u s-sostenibbiltà ekonomika fit-tul u biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati permezz tal-indikaturi soċjali;

Or. en

Emenda 257
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli tikkonsulta lill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-bidliet ippjanati tagħha għat-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP, filwaqt li dawk il-bidliet ġew diskussi mal-Kunsill; jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew ma ġewx ittrattati fuq bażi ugwali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonsulta kif xieraq lill-Parlament Ewropew qabel ma timplimenta bidliet ulterjuri;

Or. en

Emenda 258
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu mmonitorjati", inklużi l-kura tat-tfal, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi[3];	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu mmonitorjati", inklużi l-kura tat-tfal, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi[3]; ***tali sfidi jridu jiġu indirizzati b'mod li jagħti valur lill-kontribut tas-sħab soċjali, li l-parteċipazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' konverġenza soċjali trid tissaħħaħ f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' KETU, SGIEurope u SMEUnited għal involviment fattwali u materjali tas-sħab soċjali fil-governanza ekonomika u s-Semestru tal-UE;***
[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).	[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

Or. en

Emenda 259
Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu mmonitorjati", inklużi l-kura tat-tfal, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-trasferimenti	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu mmonitorjati", inklużi l-kura tat-tfal ***u l-kura fit-tul***, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-

soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi[3];

trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi[3]***, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli bħaż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà u l-migranti[5a], l-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-faqar fost it-tfal u l-aċċess għall-kura tas-saħħa***;

[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

[5a] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

Or. en

Emenda 260
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu ***mmonitorjati***", inklużi ***l-kura*** tat-tfal, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi[3];	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu ***osservati***", inklużi ***t-tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, il-kura*** tat-tfal, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà***, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni***, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi[3];

[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

Or. en

Emenda 261
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu mmonitorjati", inklużi l-kura tat-tfal, id-differenza*** fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, ***l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet*** diġitali bażiċi[3];	11. ***Jistieden lill-Istati Membri jieħdu passi ulterjuri biex jipprovdu kura bikrija tat-tfal, inaqqsu l-faqar u d-distakk*** fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, ***u jrawmu ħiliet*** diġitali bażiċi[3];
[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).	[3] Proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill (COM(2023)0904).

Or. en

Emenda 262
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq fuq l-impatti negattivi li l-kriżi tal-għoli tal-ħajja kellha fuq il-persuni b'diżabbiltà

Or. en

Emenda 263
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

11b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkunu aktar attivi fil-ġlieda kontra l-faqar

Or. en

Emenda 264
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjonijiet li jiffaċċjaw il-ħaddiema foqra, u jirrikonoxxi li porzjon sinifikanti tal-forza tax-xogħol fl-UE qed tgħix fil-faqar minkejja li hija impjegata.

Or. en

Emenda 265
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu politiki robusti li jiżguraw pagi ġusti u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'introjtu baxx u prekarji.

Or. en

Emenda 266
Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11e. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu x-xbieki ta' sikurezza soċjali biex jipprovdu appoġġ adegwat lil dawk li l-introjtu tagħhom mill-impjieg mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-ispejjeż bażiċi tal-għajxien.

Or. en

Emenda 267
Pál Szekeres, Mélanie Disdier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi li jirriflettu x-xejriet u l-kawżi tal-inugwaljanza, bħall-impjiegi*** ta' kwalità, ***id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, il-pensjonijiet*** adegwati, ***is-saħħa mentali u l-qgħad***; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa;	12. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu konverġenza soċjali 'l fuq, itejbu l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u servizzi pubbliċi*** ta' kwalità, ***u jżidu aktar il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fil-kura formali tat-tfal speċjalment għall-gruppi vulnerabbli; jieħdu miżuri attivi biex inaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u l-qgħad fost iż-żgħażagħ, jiżguraw pensjonijiet*** adegwati, ***itejbu l-effettività tat-trasferimenti soċjali, u jippromwovu s-saħħa mentali fil-gruppi tal-etajiet kollha***; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa ***iżda jirrikonoxxi li s-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas bi ftit fl-UE fl-2023 bis-saħħa ta' azzjoni politika deċiżiva biex jittaffew l-effetti soċjali negattivi tal-għoli tal-ħajja, u jappella għal miżuri xierqa biex ikomplu jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment fost it-tfal***;

Or. en

Emenda 268

Idoia Mendia, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marc Angel, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi li jirriflettu x-xejriet u l-kawżi tal-inugwaljanza, ***bħall-impjiegi*** ta' kwalità, id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, il-pensjonijiet adegwati, is-saħħa mentali u l-qgħad; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa;	12. Jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi ***rilevanti*** li jirriflettu x-xejriet u l-kawżi tal-inugwaljanza, ***bħal indikaturi dwar l-opportunitajiet indaqs, l-impjiegi*** ta' kwalità ***tajba***, id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, ***il-kopertura tas-servizzi soċjali, inklużi l-enerġija, l-ilma u s-sanità, is-servizzi tal-kura,*** il-pensjonijiet adegwati, ***ir-rata ta' persuni mingħajr dar,*** is-saħħa mentali u l-qgħad***, il-benefiċċji kif ukoll l-indikaturi li jkejlu l-impatt soċjali tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi indikaturi dwar il-kopertura tas-servizzi soċjali u n-nefqa għalihom***; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa;

Or. en

Emenda 269
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi li jirriflettu x-xejriet u l-kawżi tal-inugwaljanza, bħall-impjiegi ta' kwalità, id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, il-pensjonijiet adegwati, is-saħħa mentali u l-qgħad; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-	12. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' data f'waqtha u armonizzata dwar il-politiki soċjali biex jittejbu t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-investimenti soċjali mmirati;*** jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ***sabiex jiġu koperti l-20 prinċipju tal-EPSR*** permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi li jirriflettu

faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa;	x-xejriet u l-kawżi tal-inugwaljanza, bħall-impjiegi ta' kwalità, id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, ***il-kopertura tas-servizzi soċjali,*** il-pensjonijiet adegwati, is-saħħa mentali***, id-diskriminazzjoni*** u l-qgħad; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa;

Or. en

Emenda 270
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE jiżviluppaw qafas Ewropew robust għall-ġbir tad-data dwar is-servizzi soċjali biex jimmonitorjaw l-investiment fis-servizzi soċjali u l-kopertura tagħhom;

Or. en

Emenda 271
Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jirrakkomanda li s-Semestru Ewropew jinkorpora data dwar ir-regolamentazzjoni, in-nefqa u l-kopertura tas-servizzi soċjali biex jissaħħaħ ir-rappurtar tiegħu dwar il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jiżguraw l-għoti tas-servizzi soċjali, inklużi l-aċċess u d-disponibbiltà tagħhom għall-popolazzjoni;

Or. en